Madonna Ta' Pinu

Sena XXVIII Vol X Nru. 143 Ottubru - Diċembru 2007



# Il-Verġni Marija u s-Sagrament taż-Żwieġ

Rivista maħruġa mis-Santwarju Ta' Pinu - Għawdex





## Madonna Ta' Pinu

Perjodiku ta' kull tliet xhur



**Bord Editorjali**
Dun Gerard Buhagiar (*Editur*),
Dun Mikiel Galea,
Dun Anton Refalo Rapa,
Francesco Pio Attard, Maureen Attard,
Esther Bajada, Edward Depasquale.


*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali*


**Kull korrispondenza għandha tintbagħat hekk:**
***L-Editur,*** *"Madonna ta' Pinu"*
*Ċentru Kulturali Marjan,*
*Ta' Pinu, Għarb Gozo GRB 1704,*
*MALTA.*
*Tel: 2155 6187* *Fax: 2156 2350*
*E-mail: theeditor@tapinu.org*


**Abbonament għas-sena 2008:**

| | | |
|---|---|---|
| Lokali | Lm2.58 | • **6.00** |
| Ewropa | Lm6.01 | • **14.00** |
| Barra mill-Ewropa | Lm7.30 | • **17.00** |
| Sostenitur | Offerta Libera | |


**Ritratti tal-Qoxra**

***Quddiem:***
Kav. Paul Camilleri Cauchi,
*Il-Verġni Marija*
*u s-Sagrament taż-Żwieġ.*

***Wara:*** Ftuħ taċ-Ċelebrazzjonijiet tal-125 Sena mis-Sejħa tal-Madonna ta' Pinu

***Disinni fil-bidu ta' kull artiklu:***
*Dettal ta' l-iskultura* - Wistin Camilleri,
u Mużajċi li jinsabu fis-*Santwarju Ta' Pinu*

***Ringrazzjament***
*Arkivju Rit. Santwarju Ta' Pinu,*
*Archivio Foto. Marconi, Bologna, Italja.*

**stampar**
jdbprinting - tel: 2155 2219


# F'din il-Ħarġa


*Sena XXVIII Vol X Nru. 143*
*Ottubru - Diċembru 2007*



Il-Kelma tas-Saċerdot — 1
*Invit mibgħut lill-familja ta' Nażaret!*

Tifsira tal-Qoxra — 2

Kelmet il-Mulej: — 3
*Marija: Il-Mara u l-Omm*

Ċelebrazzjoni Marjana: — 5
*Il-Benedizzjoni tal-Miżżewġin*

*Talba ta' Affidament tal-Familja lill-Madonna Ta' Pinu* — 7

Ikellmuna s-Sinjali — 8
*Is-Sagrament taż-Żwieġ u l-Verġni Marija*

*Restawr fuq pitturi ta' Emvin Cremona* — 10

*Il-Bniedem u l-Familja* — 13

Lectio Divina: — 15
*"U Omm Ġesu` kienet hemm"* (Ġw 2, 1-12)

*Rettur Ġdid għas-Santwarju Ta' Pinu* — 18

Teżori f'Kitbiethom: — 19
*Il-familja nisranija fil-ħsieb tas-Santi Padri*

*Suppliment: A Marian Stamp Album - 19*

Ħsibijiet Marjani — 21
*Marija l-ewwel ħlejqa li rat il-Messija*

Sliem Għalik: — 23
*Sliem Għalik Omm ta' Kristu, Iben t'Alla ħaj*

Mid-Dinja Marjana — 25

Mill-Ħajja tas-Santwarju — 28

Mela Darba: — 30
*Omm li tat ħajjitha għal bintha*

English Corner — 34
*The Blessed Virgin Mary*
*and the Sacrament of Marriage*

Isejħulek Hienja — 36

Grazzi Madonna għax smajtni — 39

Preżentazzjonijiet — 40




## Intenzjoni ta' din il-Ħarġa

***Biex il-Verġni Marija tħares il-familji tagħna.***



# Invit mibgħut lill-familja ta' Nażaret!

♦ Taħt l-altar tal-Madonna Ta' Pinu, flimkien mal-ħafna *petitions* li jħallu l-pellegrini, sibt envelope b' invit ta' tieġ. L-invit jgħid hekk: "*Is-Sur u s-Sinjura Sammut għandhom il-pjaċir jistiednu lill-Mulej Ġesu` u lil Ommu Marija għat-tieġ bejn Jane u Joseph, Iben is-Sur u s-Sinjura Calleja...*" Fuq in-naħa ta' wara ta' l-invit kien hemm miktub hekk: "*Ftit jiem oħra u Jane tagħna toħroġ mid-dar biex tingħaqad fiż-żwieġ nisrani ma' Joseph. Nitolbok tiġi għat-tieġ tagħhom, ġib miegħek lil Ibnek Ġesu` u lil żewġek Ġużeppi u t-tlieta li intom ibqgħu mal-familja tagħhom tul ħajjithom kollha.*"

♦ X' hemm wara l-invit li din l-omm poġġiet taħt l-altar tal-Madonna Ta' Pinu? Hemm il-ġrajja tat-tieġ ta' Kana, insibuha mniżżla fil-bidu tal-Vanġelu ta' San Ġwann: Ġesu` biddel madwar għoxrin jew tletin gallun ilma f'inbid l-iktar tajjeb. Jgħidilna San Ġwann: "*Sar tieġ f'Kana tal-Galilija u omm Ġesu` kienet hemm. U kien mistieden għat-tieġ Ġesu` wkoll flimkien mad-dixxipli tiegħu.*"



♦ F' din il-ħarġa ta' "Madonna Ta' Pinu" se nitkellmu dwar Marija f'relazzjoni maż-żwieġ nisrani. Ġesu` għoġbu jgħolli ż-żwieġ, kuntratt naturali bejn raġel u mara biex iwaqqfu familja ġdida, għal-livell ta' sagrament.

♦ Matul is-sena jsiru ħafna żwiġijiet f'Malta u Għawdex tagħna u l-kotra minnhom isiru fil-Knisja. X' ifisser tiżżewweġ bil-knisja? Ifisser idaħħal

lill-Familja ta' Nazaret fil-familja tiegħek. Darba smajt saċerdot jippriedka f'quddiesa ta' tieġ u dan is-saċerdot qal: meta jsir fil-knisja, iż-żwieġ nisrani ma jsirx bejn raġel u mara biss, iżda iktar bejn raġel, mara u Alla. Irrid insemmi b' mod speċjali lil Marija għax fit-tieġ ta' Kana kienet hi li ndunat li l-għarajjes ma kienx baqgħalhom inbid u ma jibqagħlekx inbid f'tieġ fi żmien Kristu kien ifisser diżgrazzja kbira. Marija qalet lil Ġesu`: "*M'għandhomx inbid.*"

Nuqqas ta' nbid ifisser problema u Marija tipprova tħollilhom din il-problema. Kemm problemi għandhom il-familji tal-lum?! Marija ddur fuq il-qaddejja u tgħidilhom: "*Kull ma jgħidilkom għamluh.*" Qegħdin nagħmlu dak li jgħidilna Ġesu`?

♦ Ninqeda b' din il-kitba fqira tiegħi biex nawgura ħidma siewja lil Dun Gerard Buhagiar, l-editur ta' din ir-rivista, li ġie maħtur rettur tas-Santwarju Ta' Pinu. Fl-istess ħin nwasslilkom xewqat tajba għas-sena l-ġdida li għadna kemm bdejna. ●

*Dun Mikiel Galea*



# Tifsira tal-Qoxra

Permezz ta' din il-ħarġa, ġejna fi tmiem il-Vol X, li jiġbor fih sentejn li fihom rajna ir-rabta li teżisti bejn il-Verġni Marija u s-Sagramenti.

Illum għalhekk il-ħarsa tagħna tmur fuq l-aħħar sagrament, dak **taż-ŻWIEĠ.** Fil-ġranet tal-Milied u fil-ġranet ta' bidu ta' Sena Ġdida spiss xħetna ħarsitna fuq il-Familja ta' Nażaret.

Iva jeħtieġ li nixħtu ħarsitna fuq din il-Familja Mqaddsa mhux biss biex naraw is-sbuħija u l-qdusija tagħha, iżda biex fuq kollox nintebħu li din il-familja hija mudell ħaj ghal kull familja nisranija.

Fuq in-naħa ta' fuq tal-qoxra tidher il-familja Mqaddsa, Marija u Ġużeppi jinsabu taħt il-qawwa ta' l-Ispirtu Qaddis ta' Alla, u t-tnejn li huma b'ħarsithom fuq it-tarbija Ġesu`. Waqt li n-naħa ta' isfel tal-qoxra tidher koppja oħra, żagħżugħ u żagħżugħa li jinsabu quddiem is-saċerdot u qed jagħmlu l-wegħda tal-fedelta` ta' imħabbithom. L-Ispirtu s-Santu li nissel lis-Salvatur fil-ġuf ta' Marija, jnissel lil Kristu f'kull familja nisranija biex din tixħet ħarsitha fuqu u fuq kliemu u b'hekk ikun għalihom dawl u triq lejn is-Sema. Kull familja hija xbieha ħajja ta' l-imħabba ta' Alla fostna u fl-istess ħin kull familja hija imsejħa li hija wkoll timxi il-mixja tagħha tal-qdusija.

***Verġni Marija, Sultana tal-Familja,***
***kif tfajt ħarstek fuq l-Iben ta' Alla u qatt ma tfajtha 'l bogħod minnu, żomm ħarstek fuq il-familji tagħna biex huma wkoll bħalek jgħożżu l-preżenza ta' Ibnek Ġesu` billi jibnu l-familja tagħhom fuq il-Kelma tiegħu!***

*L-Editur*
*d.Gerard Buhagiar*

*Mill-ġdid nirringrazzjaw lill-Kav. Paul Camilleri Cauchi li għoġbu jagħtina din il-pittura oriġinali li ġiet maħduma esklussivament għar-Rivista Madonna Ta' Pinu.*

# Kelmet il-Mulej

minn Mons. Lawrenz Sciberras



## Marija: Il-Mara u l-Omm

Hekk kif twieled Ġesu` f'Betlehem tal-Lhudija, issa għandna familja sħiħa u kompluta fis-sens li hemm ukoll it-tfal. Għalhekk Marija, x-xebba ta' Nazaret, issa mhux biss hija tassew il-mara ta' Ġużeppi "Ġużeppi bin David, xejn la tibża' tieħu għandek **lil martek Marija**" (Mt 1,20) imma tassew ukoll omm it-tarbija li twieldet, mela omm Ġesu`. Din il-familja ppruvata fuq l-amar ta' l-anġlu rritornat mill-ġdid lejn l-Art Imqaddsa u marret toqgħod f'Nazaret. San Mattew kif soltu tiegħu, isaħħaħ din ir-realta` tar-residenza tal-familja f'Nazaret, billi jikkwota it-Testment il-Qadim; "Ikun jissejjaħ Nażri" (Mt 2,23).

Din il-familja ġdida ta' Nazaret, xejn ma kien jagħżilha mill-familji l-oħra li kienu jgħixu f'dawk l-inħawi; Kienet familja li għexet u għaddiet mill-aspetti kollha li jinsġu l-ħajja ta' kull familja Lhudija, u dan kemm fl-aspett soċjali, edukattiv kif ukoll reliġjuż.

### Familja Reliġjuża

Il-membri li jiffurmaw din il-familja kienu magħqudin b'rabta l-aktar sħiħa m'Alla permezz tat-talb ta' kuljum, u l-aktar fir-reċita tax-Xema' Iżrael. Din il-familja kienet tiċċelebra dak kollu li titlob minnhom il-Liġi qaddisa; mela l-ħarsien ta' jum is-Sibt u dan kemm fid-dar billi jagħmlu ċ-ċerimonja tal-Kiddux u tal-Havdala` kif ukoll billi wara tmur is-sinagoga; fil-ħarsien tal-festi l-kbar, u dan billi jitilgħu Ġerusalemm, kif ukoll fl-obbligi l-oħra reliġjużi bħalma huma l-ħlas ta' l-għexur, għajnuna lil min hu fil-bżonn, il-liġi tas-sawm f'jum l-Espjazzjoni u l-bqija.

It-tlieta li huma, kienu jgħixu b'mod l-aktar eżemplari "l-akbar u l-ewwel kmandament". Aktar mill-ubbidjenza, mit-talb u l-adorazzjoni tagħhom lejn Alla, dawn it-tliet persunaġġi Ġesu`, Ġużeppi u martu Marija kellhom l-imħabba lejn Alla l-Missier (Lq 1,46).

### Familja edukatriċi

Ġesu` beda jikber bħal warda kkoltivata miż-żewġ ġenituri li mħabbithom lejH kienet tasal sa' **l-adorazzjoni**. Tant kien twajjeb u doċli Ġesu`, li l-ġenituri tiegħu raw fiH is-sistema kollu tal-pedagoġija (Lq 2,40). Ġesu` żviluppa b'mod l-aktar armoniku u integrali, li jikber fil-għerf, fis-snin u fil grazzja quddiem Alla u quddiem il-bnedmin (Lq 2,52). Mela Ġesu` kien jikber f'kollox; fl-intellett, fil-fiżiku u fl-ispirtu, kif ukoll fir-rapport m'Alla Missieru u mal-bnedmin ħutu.

It-tifel Ġesu` kien jaf il-formazzjoni tiegħu fuq kollox lill-ġenituri tiegħu, il-koppja edukatriċi: Jekk is-siġra tingħaraf mill-frott li tagħti (Mt 7,17), mela din il-koppja Marija u Ġużeppi **kienet l-aqwa waħda**. Ġesu` tant ħareġ sodisfatt b'dan, li qabel ma rritorna għand Missieru, fada lil

Ommu mad-dixxpli li kien iħobb (Ġw 19,26) biex hija tedukah kif kienet għamlet miegħu stess. Ġesu` kien jaf tajjeb li Ommu Marija biss taf teduka u tbiddel il-bnedmin f'ulied Alla. L-espressjoni Evanġelika "U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu" (Ġw 19,27) tfisser Ġwanni ħadha fl-intimita` tiegħu.

## Familja miftuħa

Il-familja ta' Nażaret ma kenitx tgħix magħluqa fiha nfisha u weħidha, qisha ġo ghetto. Kienet familja aperta, dejjem lesta li tgħin lil kull min hu nieqes minn xi ħaġa, bħalma ħabbar Iżaija (58,7). Bibien din il-familja kienu dejjem **miftuħin għal kulħadd** (Lq 2,16s), għan-nies sempliċi u umli, għal dawk mistiċi u għall-mexxejja tal-poplu magħżul. Għażla ma saret qatt u ma' ħadd.

Ġesu`, appostlu tal-bxara t-tajba fetaħ beraħ il-Familja tiegħu u stieden lil kulħadd biex jidħlu u jsiru ulied u aħwa fih (Ġw 19,26); 20,17). Biex hekk imbagħad isir 'il-kbir fost ħafna aħwa' (Rum 8,29). Donnu Ġesu` ma kienx jaf jgħix mingħajr familja; ġej sa mill-eternita` minn familja divina(Ġw 1,18) u mwieled fiż-żmien fi ħdan familja umana li fetħet bwieba beraħ għall-infinit. (Gal 4,4-5).

U għalhekk wieħed jara kif il-Familja Mqaddsa saret ukoll il-vera **familja tagħna u għalina**. Kulħadd għandu post hemm, kulħadd huwa mistieden biex jidħol u jgħix hemm. Din il-familja żgħira kibret u saret waħda kbira, il-Knisja.

## Familja Ppruvata

Għalkemm il-Familja ta' Nazaret hija waħda qaddisa, madankollu din il-familja għaddiet **mill-provi kollha li taf tagħti l-ħajja**: faqar, għejja, dulur, ċaħda, dubbju, umiljazzjonijiet, persekuzzjonijiet, eżilju, u martirju (Lq 2,7; 4,28; Mt 1,18; Ġw 19,25). Ma kellha ebda privileġġi u eżenzjonijiet oħra. Għal din il-familja wkoll is-salib kien rejalta` ta' kuljum (Lq 9,23). Anzi kull membru ta' din il-familja qaddisa ħtieġlu jġorr is-salib "skond il-kapaċitajiet tiegħu" ( Mt 25,15). Min jista' jiddeskrivi x'ħasset qalb Ġużeppi meta ta' tmint ijiem ħa lil ibnu biex jgħamillu ċ-ċirkunċiżjoni skond il-liġi u sema' lil ibnu Ġesu` jibki u jgħajjat bl-uġigħ tal-ġerħa li ġarrab fil-waqt li ħariġlu wkoll id-demm divin!! Altru li kienet familja ppruvata.

Ta' min iżid jgħid li Ġesu`, qabel ma għallem il-Vanġelu, għexu fil-familja ma' ommu Marija u ma' missieru Ġużeppi. Ġesu` ma mexiex fuq il-passi tal-Fariżej li 'jgħidu u ma jagħmlux' (Mt 23,3). Il-morali li xandar kienet l-istess morali li għex: id-dover li nieda għall-oħrajn huma l-istess dover li għamel personalment. Bir-raġun kollu għalhekk wieħed jista' jgħid li "ħajjet Kristu kienet waħda ta' salib u martirju" (Imitazzjoni ta' Kristu, 2:12).

## Familja Xempju

Minn dak li ntqal u li dan huwa kollu msejjes fuq il-Bibbja, il-konklużjoni hija waħda ċara. Il-Familja ta' Nazaret **hija familja xempju**. Din il-familja hija d-dar ideali u eżemplari tal-familji kollha tad-dinja.Tassew hemm bżonn ta' min jimita lil din il-familja, għaliex sebqet u għaddiet mill-provi u d-diffikultajiet kollha ta' din l-art.

Din il-familja unika, għexet fil-milja kollha tiegħu l-Evanġelju. Dan it-tagħlim jgħodd għall-bnedmin kollha, u ħadd ma huwa eskluż (Mk 16,15). U għalhekk kulħadd għandu jimita lill-Familja Mqaddsa billi jgħix skond id-doni u l-kariżmi mogħtija lilu minn Alla (I Kor 7.7). Hekk jikkonkludi l-Papa Ġwanni Pawlu II: "Hija l-prototip u xempju mudell tal-familji kollha nsara" (Familiaris Cons. 86). ●

***Ejja u sib il-mistrieħ f'riġlejn il-Madonna Ta' Pinu, u ħalli lil Mulej ikellmek.***

***Is-Santwarju Ta' Pinu qed joffri l-lokali tiegħu għal dawk kollha li jixtiequ jagħmlu ġurnata rtir, inkluż l-ikla ta' nofsinhar***

**Jekk tixtieq aktar informazzjoni, ċempel 2155 6187**




mill-Kappillan Ignatius Borg

# Il-Benedizzjoni tal-Miżżewġin

*Nhar l-anniversarju annwali mit-twaqqif tal-familja, jew f'okkażjonijiet oħrajn, il-(25, 50, 60) anniversarju taż-żwieġ jixraq, li niċċelebraw il-Quddiesa ta' l-okkażjoni, bit-talb li hemm fil-Messal Ruman paġni (748-750). Iċ-ċelebrazzjoni ta' dawn ir-riti, hija fuq kollox talba għall-benedizzjoni t'Alla fuq il-familja, u hija wkoll impenn, biex il-familja tgħix skond il-preċetti tiegħu... Dawn ir-riti, fihom ukoll kliem ta' tifħir lill-Verġni Marija.*

## Tifkira taż-Żwieġ

### • L-ewwel skema:

*Wara l-omelija, is-saċerdot ċelebrant, jistieden lill-miżżewġin, biex jinġabru fis-skiet fit-talb, u biex iġeddu l-wegħda tagħhom, biex igħixu ż-żwieġ tagħhom fil-qdusija.*

*Dan jista' jagħmlu b'dan il-kliem... jew bi kliem simili għal dan.*

Ċel: F'dan l-anniversarju, jew il-(25, 50, 60) sena minn meta, permezz tas-Sagrament taż-Żwieġ, ingħaqadtu f'għaqda li ma tinħallx... Illum ġejtu fid-dar tal-Mulej, biex iġġeddu l-wegħdiet li tajtu lil xulxin quddiem l-altar.

Sabiex il-grazzja t'Alla tinżel fuqkom u ssaħħaħkom, ressqu quddiem Alla r-ringrazzjament tagħkom u t-talba tagħkom.

*Il-miżżewġin jagħmlu talba... Fis-skiet.*

Jekk iċ-ċrieket huma ġodda, is-saċerdot ċelebrant iberikhom b'din it-talba:

Ċel: Kabbar u qaddes O Missier,
l-għaqda ta' mħabba ta' din il-koppja,
li qegħdin ifakkru dak il-jum qaddis,
meta bidlu ċ-ċrieket, b'sinjal ta' fedelta`...
agħmel, li jħossu dejjem aktar
il-grazzja tas-sagrament taż-żwieġ,
B'Ġesu` l-Mulej tagħna,
Amen.

### • It-tieni Skema:

*Wieħed jista jagħżel li jġedded il-wegħdiet tal-Magħmudija, tal-komunita` kollha miġbura.*

Ċel: Għeżież "*Magħqudin fit-talb, ma' Marija Omm Ġesu` u ma' ħutu*", (Att 1, 14) bħall-Appostli fiċ-Ċenaklu, wara l-qawmien mill-mewt ta' Kristu ħdejn id-Dar, fejn il-Familja Mqaddsa għexet biex hekk l-umanita` seta' jkollha s-salvazzjoni, inġeddu l-fidi tagħna u nġeddu l-wegħdiet taż-żwieġ tagħkom... għas-servizz tas-saltna t'Alla, u b'mod partikolari servizz lejn il-familja.

Ċel: Temmnu f'Alla l-Missier li jista' kollox, Ħallieq tas-sema u l-art?

*Iva Nemmen.*

Ċel: Temmnu f'Ġesu` Kristu, Ibnu l-Waħdieni, u Alla tagħna, li twieled minn Marija Verġni, li miet u li ġie midfun u li qam

mill-imwiet u li qiegħed fuq il-lemin tal-Missier?

*Iva Nemmen.*

Ċel. Temmnu fl-Ispirtu s-Santu li hu Alla u li jagħti l-ħajja, fil-Knisja Kattolika, fil-maħfra tad-dnubiet, fil-qawmien mill-imwiet u fil-ħajja ta' dejjem?

*Iva Nemmen.*

Ċel: Din hi l-fidi tal-Knisja, li fiha ġejna mgħammdin u li aħna kburin li qegħdin inħaddnu, kullħadd skond l-istat tal-ħajja li l-Mulej sejjaħlu għalih.

Għalhekk nitlobkom li llum iġġeddu l-wegħdiet tas-Sagrament taż-Żwieġ.

Ċel: Twiegħdu l-Alla li tħobbu 'l xulxin u li taħfru 'l xulxin f'kull jum tal-ħajja tagħkom?

*Iva nwiegħdu.*

Ċel: Twiegħdu illi tkunu fidili għall-wegħda ta' mħabba lejn xulxin, li għamiltu quddiem Alla, f'jum iż-żwieġ tagħkom?

*Iva nwiegħdu.*

Ċel: Twiegħdu li tagħmlu dak kollu meħtieġ biex darkom tkun dar ta' paċi, dar fejn isir it-talb u dar miftuħa biex tilqa' lill-oħrajn?

*Iva nwiegħdu.*

Ċel: Alla l-Ħanin li sejħilkom biex tibnu dar fuq blata li hi Kristu, jagħtikom l-Ispirtu tiegħu, biex hekk issiru aktar qaddisin u sodi f'imħabbitkom u bl-interċessjoni tal-Beata Verġni Marija u ta' San Ġużepp l-għarus tagħha, jimliekom bil-barka tiegħu u jġib fi tmiemha l-ħidma ta' fidwa li nbdiet f'darkom sa meta Hu jerġa' jiġi. B'Ġesu` Kristu l-Mulej tagħna.

Amen.

## TALBA TAT-TBERIK

*Wara l-Missierna, it-talba, "Eħlisna nitolbuk Mulej" ma tingħadx.*

Is-Saċerdot ċelebrant, idur lejn il-miżżewġin u b'dirgħajh miftuħa jgħid:

Ċel: "O Alla, illi għollejt il-patt taż-żwieġ għad-dinjita` hekk kbira ta' Sagrament - sinjal sagramentali ta' l-għaqda ta' Kristu Ibnek mal-Knisja. Ħares lil dawn il-miżżewġin, hawn preżenti, li huma magħqudin f'din il-għaqda qaddisa. Huma qed jitolbu l-għajnuna Tiegħek bl-Interċessjoni materna tal-Verġni Mqaddsa Marija, agħmel, li waqt il-mixja tagħhom f'din il-ħajja, jissaħħu bil-qawwa ta' l-imħabba u jaħdmu bla waqfien biex iħarsu l-għaqda u l-paċi. Nitolbuk Mulej li waqt l-għejja, fil-mard u fid-diffikulta`, isibu dejjem il-ħbiberija tiegħek. Ħa tkun kelmtek dawl li tmexxi l-passi tagħhom fi triq tas-sliem u hekk jagħrfu fik l-għajn u l-milja tal-vera hena.

B'Ġesu` Kristu, Alla tagħna.

R. *AMEN.*



***Bl-Isbaħ Xewqat lill-Qarrejja***

***Ix-Xewqat tagħna f'dawn il-ġranet ta' ferħ li fihom niċċelebraw it-Twelid tas-Salvatur tagħna, kif ukoll għall-jiem kollha tas-Sena 2008 huma: li qatt ma tħalli jum wieħed jgħaddi mingħajr***

- ***ma tieqaf u toqgħod fis-skiet***
- ***tersaq fi Ħdan il-Verġni Marija***
- ***u hemm issib lil Ġesu'!***

***Għażiż qarrej, ftakar li l-kobor tal-bniedem ma hux fuq kemm jaf jew kemm għandu ħwejjeġ, iżda fuq kemm huwa midħla ta' Kristu u l-Kelma tiegħu.***

***Ħa jkun għalik KRISTU, it-Triq, il-Verita` u l-Ħajja!***



# Talba ta' Affidament tal-Familja lill-Madonna Ta' Pinu, Sultana tal-Familja

**Imqaddsa Verġni Marija, Sultana tal-Familja,
ġejna llum, f'dan is-Santwarju tiegħek Ta' Pinu
biex inpoġġu l-familja tagħna,
taħt il-ħarsa materna tiegħek.**

**Omm tal-Ħajja u Tempju ta' l-Ispirtu s-Santu
f'ġufek, l-Iben t'Alla sar bniedem bħalna,
agħmel mill-familja tagħna santwarju ħaj
fejn b'imħabba tiġi meqjuma u mħarsa l-ħajja.**

**Mara tas-Skiet, minn din id-dar tiegħek
kompli wassal l-istedina tiegħek lil kull familja
sabiex tinġabar fis-skiet tisma' leħen Ibnek.
Għenna nagħrfu u ngħożżu leħnu
ħa jkun kliemu l-pedament tal-familja tagħna.**

**Omm u għalliema tal-Ħajja
Irridu li Kristu jkun iċ-ċentru tal-familja tagħna,
biex fiha jikbru sentimenti:
ta' mħabba u maħfra, ta' ħniena u tjubija,
ta' ħlewwa u sabar,
u hekk is-sliem ta' Kristu jgħammar fina.**

**Sieħba tal-Feddej, li mxejt it-triq tas-Salib
Imxi magħna llum u dejjem,
biex meta nħabbtu wiċċna mat-tentazzjoni,
mal-mard u mat-tbatija u ħsibijietna jiddallmu
Int tkun il-gwida li twassalna għand Kristu:
it-Triq il-Verita` u l-Ħajja.**

**O Madonna Ta' Pinu,
fil-mixja lejn is-sema pajjiżna
żomm ħarstek dejjem fuqna
sabiex nikbru fl-Imħabba,
lejn Alla, lejn xulxin u lejn ħutna,
ħa nkunu xhieda ta' Kristu Salvatur tagħna.
AMEN.**

Nihil Obstat, Laurentius Sciberras, Cens. Teol. die 16 Januarii '08



# Ikellmuna s - Sinjali

minn P. Anton Farrugia, ofm

## Is-Sagrament taż-Żwieġ u l-Verġni Marija

Il-Kostituzzjoni Liturġika *Sacrosanctum Concilium* tal-Konċilju Vatikan II mhux biss ħasset il-ħtieġa ta' riforma fir-rit taż-żwieġ imma tat ukoll indikazzjonijiet preċiżi (ara n-numri 77 u 78). Għaldaqstant ir-rit taż-żwieġ kif imġedded wara l-Konċilju Vatikan II, aktar milli jidher bħala sempliċement att ġuridiku, jidher bħala sinjal (kif trid tfisser il-kelma *sagrament*) tal-Patt ta' Alla mal-bniedem, l-iżjed meta jiġi ċelebrat fil-Quddiesa, t-Tifkira tal-Patt il-ġdid li bih Kristu ngħaqad għal dejjem mal-Knisja l-għarusa tiegħu li għaliha ta' ħajtu.

Diġa` fit-Testment il-Qadim Alla nqeda mill-għaqda bejn ir-raġel u l-mara fiż-żwieġ biex biha jfisser il-patt tiegħu ma' l-umanita` li fit-Testment il-Ġdid issir is-sinjal tal-*misteru kbir* li jgħaqqad 'l Kristu mal-Knisja tiegħu (ara *Ef* 5, 21-33). Il-Liturġija tal-Kelma toffri għażla kbira ta' qari, kemm mit-Testment il-Qadim kif ukoll mit-Testment il-Ġdid li jdawlu ċ-ċelebrazzjoni ta' dan il-misteru. Fost is-siltiet evanġeliċi nsibu fil-Vanġelu skond San Ġwann, ir-rakkont tat-tieġ li kien sar f'Kana tal-Galilija u li għalih kien hemm preżenti Marija, omm Ġesu` (ara *Ġw* 2,1-11). Bla dubju ta' xejn, f'dan it-tieġ il-Madonna kellha rwol importanti anzi deċisiv fid-diffikulta` li sabu ruħhom fiha l-għarajjes meta spiċċalhom l-inbid. Is-sensibilita` ta' Marija kienet ta' għajnuna għal Ġesu` mhux biss biex jgħin lil dawk iż-żewġ għarajjes imma fuq kollox biex juri biċ-ċar is-sens tal-missjoni li biha kellu jagħti glorja lill-Missier. Il-glorja li Ġesu` juri permezz ta' l-ilma mibdul fi nbid bnin, li jħabbar minn qabel l-inbid tal-Patt il-Ġdid, trid tkompli tidher fil-ħajja tal-miżżewġin fi Kristu. Dan jispjegah tajjeb ir-rit ta' l-inkoronazzjoni ta' l-għarajjes li jeżisti f'ċerti pajjiżi fejn is-saċerdot wara li jqiegħed il-kuruni fuq ras l-għarus u l-għarusa jgħid: *Mulej Alla tagħna nkurunhom bil-ġieħ u l-glorja.*

Fit-tieġ ta' Kana, l-Madonna tqiegħed lilha nfisha kollha kemm hi għall-qadi ta' binha Ġesu` u tal-missjoni tiegħu ta' salvazzjoni. F'dan is-sens l-għarajjes huma l-ewwel destinatarji tal-kelmiet li Marija tgħid lill-qaddejja: *"agħmlu dak li jgħidilkom Hu".* Eżattament dak li jfissru



*u Sultana tal-Familja.* Biex tidher ir-rabta tas-sagrament taż-żwieġ mas-sagrament tal-magħmudija, ċ-ċelebrazzjoni tista' tibda bit-tberik u t-traxxix ta' l-ilma u tkompli bl-istqarrija tal-fidi jew it-tiġdid tal-wegħdiet tal-magħmudija, fejn wara li l-għarajjes ifissru l-kunsens tagħhom lil xulxin, jistqarru l-fidi tagħhom fi Kristu li *twieled minn Marija Verġni.*

Minn dak kollu li għedna nistgħu ninnutaw almenu ħames elementi li jsawru l-liturġija taż-żwieġ li huma:

- It-tħabbira tal-Kelma t'Alla,
- Il-kunsens,
- It-tberik u l-għoti taċ-ċrieket,
- It-talba ta' barka
- It-talba tal-fidili

Meta r-rit taż-żwieġ isir waqt ċelebrazzjoni tal-Kelma, wara t-talba tal-fidili s-saċerdot jista' jagħti lill-għarajjes kopja tal-Vanġelu jew tal-Bibbja filwaqt li jgħidilhom: *Ħa tidwi f'darkom il-Kelma t'Alla u tidher fl-imħabba taghkom ghal xulxin.*

Ir-rit taż-żwieġ jintemm dejjem b'barka solenni. Fejn ikun hemm meqjuma xi xbieha għażiża tal-Madonna, l-għarajjes jistgħu jagħżlu li jagħmlu xi att ta' qima li bih jesprimu mħabbithom lejha u jitolbu l-ħarsien tagħha fuqhom. Il-kant ta' l-*Ave Maria,* aktar milli fil-bidu taċ-ċelebrazzjoni, jkun jaqbel li jakkumpanja dan il-ġest bħala kant ta' għeluq. ●

l-għarajjes fir-rit taż-żwieġ meta jwiegħdu lil xulxin quddiem kulħadd li jgħixu ż-żwieġ tagħhom skond ir-rieda t'Alla (ara *Ġen* 1-2) u ta' Ibnu Ġesu` (ara *Mt* 19, 1-9). L-istess ċrieket li l-għarajjes jagħtu lil xulxin huma sinjal ieħor li jidher illi *dak li jgħaqqad Alla m'għandux jifirdu l-bniedem.*

Id-diversi liturġiji huma tassew għonja b'riti u talbiet fuq l-għarajjes tassew sbieħ. Dan għaliex aktar minn riti sagramentali oħra, r-rit taż-żwieġ jista' jiġi adattat, hekk li nistgħu ngħidu illi bl-approvazzjoni tas-Sede Appostolika, kull pajjiż jista' joħloq ir-rit taż-żwieġ proprju tiegħu. Minn hawn ġejja li t-talba ta' barka fuq l-għarajjes f'ċerti riti tingħad wara l-kunsens filwaqt li f'riti oħra tingħata wara t-talba tal-Missierna.

Fir-rit taż-żwieġ li ssawwar mill-konferenza ta' l-isqfijiet ta' l-Italja, mat-talba tal-fidili żdiedet litanija ta' Qaddisin miżżewġin. Fil-bidu ta' din il-litanija, l-Madonna tiġi msejħa għal tliet darbiet wara xulxin bit-titli ta' *Omm Alla, Omm il-Knisja*

# Restawr fuq pitturi ta' Emvin Cremona fis-Santwarju ta' Pinu

*mir-restawratur Godwin Cutajar*



Rit. 1

## Storja u Teknika:

Il-pittura "Żwieġ ta' Marija u Ġużeppi" (302cm X 97.5cm, rit. 01) ta' Emvin Cremona hi magħmula fuq it-tila b'żebgħa li probabbli għandha ż-żejt bħala legant. It-tila hi t'għamla industrijali, bi preparazzjoni bajda u fina ħafna. Maħduma b'velaturi opaki, b'impasti ta' żebgħa fil-partijiet ċari; f'ħafna partijiet l-istrati tal-preparazzjoni u ż-żebgħa huma tant irqaq li n-nisġa tat-tila għadha tidher fuq il-pittura (rit. 02). Iż-żona tas-sema hi mpittra bil-porporina. Din il-pittura la fiha firma u anqas is-sena ta' meta saret.

L-artist għamel taħżis bil-lapes biex igħinu jimxi għad-dritt għall-bastun miżmum mir-raġel liebes l-abjad (rit. 03), kif ukoll għal dak miżmum minn San Ġużepp.

Fi 3 partijiet tal-pittura Cremona biddel dak li kien pitter qabel (pentimenti): in-naħa ta' fuq ta' id il-leminija tar-raġel liebes l-abjad, iktar tard ġiet imniżżla (rit. 04) u l-istess għal id ix-xellugija ta' San Ġużepp. L-id ix-xellugija ta' Marija kienet żgħira u ġiet imkabbra, u l-ispalla l-leminija ta' San Ġużepp tidher għaddejja minn taħt.

Maż-żebgħa tal-pittura nsibu pil ta' diversi daqsijiet (4, 7, 10, 25 u 30 millimetru) li probabli ħareġ mill-pniezel waqt li l-artist kien ipitter.

Il-pittura fiha elementi oħra li mhux faċli wieħed igħid meta jew għaliex saru:

- L-ewwel figura mix-xellug (raġel bil-mantell ħadrani) fiha frak ta' folja tad-deheb u wkoll tal-fidda mwaħħal magħha (rit. 05); it-tieni figura



Rit. 2



Rit. 3



Rit. 4

**GRAZZI LIL BANK OF VALLETTA LI QED JIFFINANZJA**


Rit. 11

mix-xellug (mara bil-mantell vjola) ukoll fiha xi frak ta' folja tad-deheb imwaħħal magħha.

- Linji fini bojod, li donnhom saru b'ġibsa biex jindikaw aħjar xi trufijiet ta' forom impittra, probabli saru meta kien qed jinħadem il-mużajk (rit. 6).

Mill-bqija l-pittura ma jidhirx li kellha xi nterventi ta' konservazzjoni u restawr qabel dan preżenti.

## Stat ta' Konservazzjoni:

Il-pittura mhix fi stat ħażin ta' konservazzjoni. It-tila tilfet mill-elastiċita` tagħha u fiha xi taqtigħ żgħir, toqob u ksur, iżda jidher li għadha tiflaħ iġġorr il-materja pittorika. Fil-mitra fuq ras il-qassis hemm nuqqas ta' qbid bejn saffi taż-żebgħa (rit. 07), u fil-mantell ta' San Ġużepp hemm żebgħa bi qsim ta' l-inxif ("drying craquelure"). Xi rqajja ta' żebgħa waqgħu minn ma' l-istrat preparatorju tat-tila u ntilfu (rit. 08), iżda kollox ma' kollox is-saffi tal-pittura


Rit. 08


Rit. 09

(żebgħa u preparazzjoni) għadhom imqabbda tajjeb flimkien u mat-tila. In-naħa l-mimduda isfel fiha żewġ tiċritiet vertikali (rit. 09). Il-pittura kienet imrambla tul id-daqs il-qasir biż-żebgħa n-naħa ta' ġewwa; jista' xi darba tpoġġa fuqha xi piż tqil, u għalhekk kemm it-tila kif ukoll iż-żebgħa għandhom xi ksur tul din in-naħa.

Il-pittura għandha xi trab ħafif li nġabar fuqha maż-żmien. In-naħa ta' wara, barra t-trab, weħel magħha xi tiben li seta' ġie minn ippakkjar.


Rit. 5


Rit. 6


Rit. 7

## Konservazzjoni u Restawr:

Meta waslet għax-xogħol ta' konservazzjoni u restawr il-pittura kienet imrambla. Trab u tiben in-naħa ta' wara tal-pittura ġie mnaddaf b'pinzell. L-integrita` strutturali tal-pittura għadha mhux ħażin, xi deformazzjonijiet superfiċjali ma tantx jagħtu fil-għajn, u l-interventi ta' konservazzjoni strutturali setgħu jsiru b'mod lokalizzat. Partijiet dgħajfa fit-tila bħal ksur, toqob jew taqligħ żgħir ġew imsaħħa b'konsolidant termoplastiku. Iż-żewġ tiċritiet ġew magħluqa b'roqgħa ta' tila fina ħafna nkullata n-naħa ta' wara. Il-pittura mbagħad ġiet miġbuda fuq tilar ta' l-injam b'ġonot espandibli bil-kavilji.


Rit. 10

Wara li saru l-provi tat-tindif (rit. 10), in-naħa l-impittra ġiet imnaddfa b'sistema mekkanika u kimika. It-taħżis bil-lapes magħmul minn Cremona tħalla għax hu parti mill-materja oriġinali. Il-frak tal-folja tad-deheb u tal-fidda kif ukoll il-linji bojod huma parti mill-istorja tal-kwadru; il-frak kien jidher mhux ħażin u seta' jtellef mil-lettura ġenerali tal-pittura u għalhekk tneħħa. Il-linji bojod ma tantx jagħtu fil-għajn u għalhekk tħallew.

Il-mili taż-żebgħa n-nieqsa ("lacunae"), meħtieġ biex il-pittura tkun tidher iktar preżentabli, sar b'żebgħa tal-varniċ b'konsistenza ta' velaturi opaki; dawk bil-preparazzjoni nieqsa wkoll huma iktar fondi u għalhekk ġew l-ewwel mimlijin bi stokk. Il-partijiet nieqsa fl-isfond tal-porporina ġew mimlija b'taħlita ta' żebgħa tal-varniċ b'konsistenza ta' velaturi trasparenti ftit iżjed ċara mill-kuntest ("a sotto tono").

Dan ix-xogħol ta' konservazzjoni u restawr inbeda fi Frar u tlesta f'Ġunju 2007.

## Konservazzjoni Preventiva:

Il-pittura konservata u restawrata (rit. 11, f'paġna 11) għandha titqiegħed f'imkien ventilat u fejn ma tixxarrabx. Għandha tkun osservata kull sitt xhur fuq quddiem kif ukoll fuq wara ħalli jsir intervent ta' konservazzjoni u restawr minnufih jekk maż-żmien tkun qed issirilha xi ħsara. ●

# *Lilkom....*

# Familji Ġodda



***Ejja f'riġlejn il-Madonna Ta' Pinu***
***u poġġi lill-familja tiegħek***
***taħt il-protezzjoni materna tagħha!***

**Din iċ-ċelebrazzjoni tikkonsisti billi saċerdot tas-Santwarju jgħid talba speċjali fuq il-familja tagħkom fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu.**



# Il-Bniedem u l-Familja

**minn Dun Eddie Vella**

Għad li fil-ħajja tal-bniedem saru bosta bidliet li wassluna biex nibdew ngħixu ħajja totalment differenti minn dawk ta' qabilna, hemm ħaġa f'qalb il-bniedem li ma tinbidel qatt. Il-bniedem għad li jibdel il-mod ta' kif jgħix minn żmien għal żmien, qalbu qatt ma tinbidel u l-aktar ħaġa li tibqa' dejjem tixtieq hija l-imħabba.

Forsi fil-ġirja sfrenata għall-kumdita` u l-pjaċiri tal-lum, ħafna drabi l-bniedem qiegħed jinsa jew jittraskura l-akbar bżonn li għandu. Jekk il-bniedem ikollu kollox iżda ma jkunx maħbub ikollu l-akbar bżonn tiegħu mhux sodisfatt u għalhekk bħala konsegwenza ma jistax jgħix kuntent.

Kos hux għaliex l-imħabba hija daqshekk importanti għall-bniedem? Forsi għaliex hi l-firma ta' l-Artist li għamlu, dak l-Artist li hu l-istess Imħabba? Sa mill-bidu, minn meta Alla ħalaq il-bniedem, dan ma kellux jgħix waħdu, iżda kellu jagħmel parti minn familja. Il-familja hija għalhekk dik il-benniena ta' imħabba li fiha għandu jitwieled kull bniedem biex hekk ikun jista, jikber u jkun xbieha ta' dak li ħalqu. Mingħajr l-ewwel esperjenza ta' mħabba li normalment il-bniedem jirċievi fil-familja jkun ħafna diffiċli biex jagħraf lil Alla li ħalqu.

Il-familja hija l-aktar realta` fil-qrib tal-bniedem. Allura tgħid għaliex il-bniedem, l-aktar fi żmienna, bosta drabi flok ma jipproteġi dak li hu tant għażiż għalih, qiegħed idardar il-għajn li jrid jixrob minnha? Kif nafu ħafna drabi fi żmienna, b'riħet il-liberta` u d-demokrazija, qegħdin iseħħu ħwejjeġ li jġiegħlu jistħi lill-bniedem li jirrifletti.

Naħseb li din hija problema li mhux lakemm bniedem isib soluzzjoni għaliha. Żgur li fil-bniedem teżisti enerġija li timbuttah għall-awtopreservazzjoni, iżda kultant, bla ma nafu għaliex titfaċċa enerġija kuntrarja u li xi drabi twassal lill-bniedem għall-awtodistruzzjoni. Pero` forsi l-problema hija profonda aktar minn dik fuq livell psikoloġiku. Il-bniedem huwa l-kapolavur ta' Alla, u Alla jħobbu lill-bniedem għax ħatru b'ibnu. Din l-imħabba wasslet għall-għejra ta' spirtu ieħor, spirtu ħażin, u li biex jagħmel dispett lil Alla, li b'mod dirett ma jista' jagħmillu xejn, jipprova u jagħmel minn kollox biex igħarraq il-kapolavur ta' Alla. Alla ħalaq lill-bniedem

liberu, u għalhekk dan l-ispirtu mniġġes ma jista' jagħmel xejn lill-bniedem jekk dan ma jħalliehx.

Il-familja hija dik l-istruttura li tipproteġi lill-bniedem. Huwa fil-familja li issir l-ewwel u l-aqwa esperjenza ta' Alla li jħobb. Mingħajr il-familja jkun ħafna diffiċli li nimmaġinaw 'l Alla missier jew omm li jħobbna u jagħmel minn kollox għalina. Forsi hawn li l-ispirtu qarrieqi qiegħed iġibha żewġ, billi lill-bniedem jibda jippreżentalu ideat attraenti iżda li jagħmlu wisq ħsara lill-familja.

Jien u int bosta drabi ninnutaw dawn il-bidliet, u forsi ħassejna li ma nistgħu nagħmlu xejn quddiem din il-mewġa ta' bidliet li qiegħda tibdlilna ħajjitna u ddardar il-għajn li rridu nixorbu minnha. Pero` ngħid jien jekk aħna nemmnu li aħna liberi u aħna ngħixu fi stat u dinja li kulma jmur dejjem aktar qiegħda tirrikonoxxi d-dinjita` tal-bniedem u l-liberta` tiegħu, kif jista' jkun li ma nistgħu nagħmlu xejn? Tgħid aħna kkonvinċejna ruħna li ma nistgħu nagħmlu xejn, u hekk tajna rebħa oħra lil dak li qiegħed idardar l-għajn?

Ħafna minna nħossu li dan iż-żmien tal-Milied huwa żmien sabiħ wisq. Tgħid dan għaliex jorbotna tant fil-qrib ma' familja, il-familja ta' Nażaret u għalhekk lilna jolqotna aktar mill-qrib? Ħaġa ta' l-għaġeb il-Milied ma jġibx miegħu biss ferħ, ħafna nies isibuh diffiċli ħafna dan iż-żmien. Tgħid għaliex qalbhom hija mxennqa għall-imħabba li tant norbtu magħha din il-ġrajja tant għażiża? Tgħid għaliex fil-familja ta' Nażaret li fil-faqar tagħha ma kelliex biex tiċċelebra t-twelid ta' tarbija tant speċjali, naraw iżda rikezza li forsi tant familji fostna ma għandhomx? L-imħabba ma hemmx għalfejn ikollok ħafna flus biex turiha.

Forsi għajnejna f'dan iż-żmien jaqgħu l-iżjed fuq Marija, dik il-mara tant sempliċi u tant speċjali. Hija preżenti fil-ħajja kollha ta' Ġesu`, mhux għaliex għandha ħafna xi tgħid iżda għaliex dejjem lesta biex tħobb. Tħobb fil-mumenti ta' ferħ, fil-mumenti ta' dawl, fil-mumenti ta' tbatija u fil-mumenti ta' glorja. Fil-misteri tar-Rużarju aħna mħeġġin biex nimmeditaw il-ħajja ta' Ġesu` minn għajnejn Marija. Meta nagħmlu dan nintebħu li Marija hija wkoll preżenti fil-mumenti differenti ta' kull familja tagħna. Hija magħna meta aħna nifirħu, hija magħna meta jiġu mumenti ta' dawl jew ta' dlam, hija magħna meta jiġu mumenti ta' glorja. Forsi l-familji tagħna kulma jeħtieġu hu li jieqfu ftit u jintebħu b'dik li ma tantx għandha x'tgħid għaliex hi tippreferi tħobb. ●


# Akkwista il-Kalendarju 2008 fl-okkażjoni tal-125 Sena mis-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu




- Madwar 40 ritratt tal-kulur
- Ċelebrazzjonijiet Speċjali li ser isiru fis-Santwarju
- Supplika tal-Madonna Ta' Pinu

**Lm 1.00**
**€ 2.33**
Bil-posta
Lm 1.25 - € 2.90

**...tinsiex tibgħat kopja lill-emigranti tiegħek**



# Lectio Divina

minn Dun Alex Refalo

## "U Omm Ġesu` kienet hemm"

(Ġw 2, 1-12)

F'San Ġwanni lil Marija nsibuha darbtejn: fit-tieġ ta' Kana u taħt is-salib (ara 2,1-12; 19,25-27). Hija tinsab preżenti fil-bidu u t-tmiem tal- ħajja pubblika ta' Ġesu`. Tinsab preżenti fil-bidu u fit-tmiem ta' kull fażi ta' l-istorja tas-salvazzjoni, sakemm tibqa' l-Knisja, il-poplu ta' Alla, fuq din l-art.

Wara li naqra s-silta ta' Ġw 2,1-12 għal iktar minn darba ngħaddi għal *Lectio*.

## LECTIO

### (Il-Qari u l-Ispjegazzjoni tal-Kelma)

**"Mbagħad fit-tielet jum sar tieġ f'Kana tal-Galilija, u omm Ġesu` kienet hemm. Ġesu` kien mistieden għat-tieġ hu wkoll flimkien mad-dixxipli tiegħu"** (2,1-2)

Is-silta tagħmel parti mill-ewwel ġimgħa ta' Ġesu` (ara Ġw 1,19 - 2,12). Hija l-ewwel ġimgħa tal-ħajja pubblika tiegħu wara li jħalli Nażaret. Fl-ewwel jum naraw ix-xhieda ta' Ġwanni l-Battista; fit-tieni jum li jibda bil-kelma *"L-għada"* (1, 29) Ġwanni juri lid-dixxipli tiegħu *"il-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnubiet tad-dinja"*; fit-tielet, li jibda wkoll b' *"L-għada"* (1,35), l-istess dixxipli ta' Ġwanni jitolbu lil Ġesu` jurihom fejn joqgħod u hu jweġibhom: *"Ejjew u taraw"* (1,39); *"L-għada"* (1,43) jdaħħalna fir-raba' jum li fih Ġesu` jsejjaħ lil Filippu u 'l Natanjel. Fl-aħħar *"fit-tielet jum"* (2,1) jiġifieri fis-seba' jum naraw iseħħ it-tieġ f'Kana tal-Galilija fejn Ġesu` juri ruħu lid-dinja. Dawn is-sebat ijiem wieħed jara fihom is-sebat ijiem tal-ħolqien (ara Ġen 1,1,2,4a). It-turija ta' Ġesu' lid dinja hija l-bidu tal- ħolqien ġdid li hu ġab miegħu. F'dan il-ħolqien hemm imdaħħla Marija, msejħa *'Mara'*, Eva l-ġdida, omm il-ġdid, omm il-ħajja ġdida.

✠ ***"sar tieġ f'Kana tal-Galilija"*** : Festa tat-tieġ lhudi kienet titqies bħala ġrajja ta' importanza kbira u kienet ittul madwar sebat ijiem: *"u għamlu l-festa tat-tieġ li damet sejra sebat ijiem"* (Tob 11,20). Din kienet ir-raġuni għaliex naqas l-inbid. Ġesu` għażel li jagħmel l-ewwel miraklu tiegħu waqt festa ta' tieġ (ara v.11) għax it-tieġ kien dejjem meqjus bħala simbolu tar-rabta ta' Alla mal-poplu tiegħu. Dan jidher ċar fil-ktieb tal-profeta Osea. It-tixbieha

tat-tieġ turi l-wasla tas-saltna tiegħu: *"Nifirħu u nithennew u nagħtuh glorja, għax wasal it-tieġ tal-Ħaruf, u l-Għarusa tiegħu ħejjiet ruħha"* (Apok 19,7; ara wkoll Apok 19,9 u Mt 22,1-14); anzi juri lilu nnifsu bħala l-għarus: *"jasal il-jum meta l-għarus jeħduhulhom minn magħhom"* (Mt 9,15; ara wkoll Ġw 3,29). Ir-rabta ta' Kristu mad-dixxiplu hi rabta bħal ta' għarus ma' l-għarusa tiegħu. San Pawl jkompli juża' din ix-xbieha meta jitkellem dwar ir-rabta ta' Kristu mal-Knisja (ara Ef. 5,32) u b'hekk juri kif għandha tkun l-imħabba tal-miżżewġin lejn xulxin.

✚ **"omm Ġesu` kienet hemm"** : Marija tidher bħala l-mistiedna prinċipali tat-tieġ. Il-fatt li Ġużeppi ma jissemmiex juri l-probabilita` li kien diġa` miet. Fl-aħħar tas-silta ma tibqax Marija ċ-ċentru imma jsir Ġesu`: ***"Wara dan, niżel Kafarnahum, hu, ommu, ħutu u d-dixxipli tiegħu"*** (2,12). Minn dan il-waqt 'il quddiem Ġesu` jibqa' s-suġġett prinċipali tal-Vanġelu kollu. Il-ħidma ta' Marija kienet fost l-oħrajn li ddaħħal lil Ġesu`, sew f'din id-dinja (Lq 1-2) kif ukoll fil-bidu tal-ħajja pubblika tiegħu.

✚ **"Billi ma kienx fadal iżjed inbid, omm Ġesu` qaltlu: 'Ma għandhomx inbid.'"** (v.3) Ma hemmx festa mingħajr inbid, almenu fil-kultura ta' dak iż-żmien. L-inbid fit-tradizzjoni biblika kien simbolu ta' l-abbundanza u tal-ferħ li ġġib magħha l-miġja tal-Messija (ara Amos 9,13-14; Ġer 31,12-13; Gl 4,18; Żak 9,17).

**"Omm Ġesu` qalet lill-qaddejja: 'Agħmlu kull ma jgħidilkom hu'" Ġesu` qal lill-qaddejja: 'Imlew il-ġarar bl-ilma'. U dawk imlewhom sax-xfar. Imbagħad qalilhom 'Issa ħudu minnu u newluh lil dak li qiegħed jieħu ħsieb il-mejda'. U huma marru jagħtuhulu ."** (v.5-8)

✚ ***"Agħmlu kull ma jgħidilkom hu"*** : Huma l-aħħar kelmiet ta' Marija fil-Vanġelu. Tkellmet ma' l-anġlu, ma' Eliżabetta, ma' Binha... issa dan hu t-testment tagħha lill-bnedmin. Dak li qalet Marija jħaddan fih dak li l-Missier qal dwar Ibnu fuq it-Tabor: *"Dan hu Ibni l-għażiż li fih sibt l-għaxqa tiegħi: isimgħu lilu"* (Mt 17,5). F'dawn il-kelmiet Marija qed turi li qed iġġorr fiha wkoll dak l-att ta' fiduċja li l-poplu ta' Iżrael wera lejn Alla meta kien fid-deżert: *"Kull ma qal il-Mulej aħna nagħmluh."* (Eż 19,8; ara wkoll 24,3.7).

✚ ***"Issa ħudu minnu u newluh"*** : L-ilma jinbidel f'inbid fil-mument li l-qaddejja bdew jservuh. Il-miraklu seħħ meta semgħu l-kelma, obdew u bdew jaqdu. Kollox telaq mill-fiduċja li poġġew fil-Kelma. L-istess kien ġara meta l-poplu qasam il-Baħar l-Aħmar. Skond it-*Talmud*, il-baħar inferaq quddiem il-lhud meta l-ewwel wieħed tefa' sieqhu ġo l-ilma.

Fil-kelma ***"newluh"*** hemm dak li Ġesu` jgħid lis-sammaritana : *"L-ilma li nagħtih jien isir fih għajn ta' l-ilma"* (Ġw 4,14), jiġifieri li l-ilma ma tistax iżżommu għalik innifsek, imma qiegħed hemm biex jgħajjex lill-oħrajn.

L-għarajjes ma għamlu xejn biex jimmeritaw dan l-inbid it-tajjeb u f'abbundanza hekk kbira: il-ġarar kienu jesgħu 520 litru! Kollox kien mogħti lilhom bla ma jistħoqqilhom, bħal dak l-inbid li kien se jinxtered sa l-aħħar qatra fuq il-Kalvarju (Mt 26,27-28; Ġw 19,34). Ir-risposta għal dan kollu nsibuha fil-kliem ta' Isaija: *"Lilek għad isejħulek: 'għaxqti fija', u lil artek għad jgħidulha: 'Għarusa'; għax l-għaxqa tal-Mulej fik... u bħalma l-għarus jiitgħaxxaq b'għarustu, hekk jitgħaxxaq bik Alla tiegħek"* (Is 62, 4-5). Il-Mulej ħa grazzja mal-bniedem, ħabbu fuq li ħabbu. Kristu jidher bħala l-awtur tal-festa, il-veru għarus li ġab miegħu inbid abbundanti u iżjed tajjeb. L-imħabba tfisser abbundanza. Dan jidher wkoll fil-miraklu tat-tkattir tal-ħobż (ara Ġw 6,13).

## MEDITATIO

### (Nara Alla x'irid jgħidli permezz tal-Kelma)

- Marija ma tgħidx "Ma hemmx iżjed inbid", imma *"M'għandhomx inbid"*. L-attenzjoni tagħha

tmur fuq l-għarajjes, fuq il-familjari tagħhom, fuq dawk kollha li kienu ser ikunu umiljati f'dak il-jum ... Qed tara dak li ħaddieħor mhuwiex jara. Qiegħda hemm biex tgħallimni nosserva dak li l-oħrajn jeħtieġu, dak li jonqos madwari ħalli mbagħad immur għand Ġesu` u ninterċedi, nitolbu.

- Meta Marija titlob lil binha mhijiex tfittex lilha nfisha. Ma tiqafx fuqha nfisha ... Hi trid twassal lill-bniedem għand Binha: *"dak li jgħidilkom hu"* . Il-knisja fit-talbiet tagħha ssejħilha fost titli oħra 'bieb' u 'triq': hija l-bieb tas-sema u t-triq li twassal għand Kristu u għand l-oħrajn. Il-vera devozzjoni lejn Marija qatt ma għandha tieqaf fuq Marija imma fuq Ġesu`.
- L-interess ta' Marija ma kienx li tara ta' min hija l-ħtija imma li tfittex soluzzjoni. L-ewwel tmur għand Ġesu` imbagħad għand il-qaddejja. Hi dik il-mara li toħloq relazzjonijiet: qaddejja flimkien, qaddejja ma' Ġesu`, qaddejja u dak li kien qed jieħu ħsieb, l-għarajjes ... Jekk il-ħajja miżżewġa u dik fraterna huma mibnija fuq ir-relazzjonijiet, Marija tista' turina u tgħallimna ħafna kif tibni u ssaħħaħ l-għaqda. Fil-vanġelu kollu Marija qatt ma tidher waħidha.
- Il-ħolqien mill-ġdid ta' koppja jista' jseħħ permezz ta' Marija...

## ORATIO

### (Nibda nitkellem m'Alla bil-għajnuna ta' l-istess Kelma)

- It-talba ta' Marija wasslet biex *"is-siegħa"* tal-mewt u l-qawmien ta' Ġesu`, is-siegħa tal-glorja tiegħu tiġi antiċipata. Il-Papa Benedettu XVI jgħid li bl-istess mod fil-quddiesa, għat-talba tal-Knisja Kristu jantiċipa dak li qed nistennew fl-aħħar taż-żmenijiet, jiġifieri li jiġi jiċċelebra t-tieg tiegħu magħna. Dan iseħħ fl-Ewkaristija... Naraw għalhekk kemm hija qawwija t-talba ta' Marija quddiem binha Ġesu`. X'ser nitlobha illum biex it-talba tiegħi tressaqhieli għand binha?
- Fit-talba tal-Litanija Marija hija msejħa bħala il-*"bidu tal-ferħ tagħna"*. Il-post fejn titwieled il-ħajja, it-tieġ, imtela bil-ferħ, bil-ħajja, bil-festa grazzi għall-intervent ta' Marija. Laqqgħet in-nies ma' Dak li hu l-ħajja u li jagħti l-ħajja (ara Ġw 17,28). Jekk jonqos il-ferħ, il-festa mill-familji tagħna, nistedinha lil Marija tkun iktar preżenti biex tidħol għalina.
- Fil-bidu Alla ħalaq il-bniedem u qiegħdu fi ġnien. Id-dinja bdiet f'post mimli sbuħija: *"U ħares Alla lejn kull ma kien għamel, u, ara, kollox kien tajjeb ħafna."* (Ġen 1,31). Id-dinja mbagħad tispiċċa bis-sbuħija li tinżel mis-sema: *"U rajt sema ġdida u art ġdida... U l-belt il-qaddisa, Ġerusalemm il-ġdida, rajtha nieżla mis-sema mingħand Alla, imħejjija bħal għarusa mżejjna għall-għarus tagħha."* (Apok 21,1-2). Il-bidu ta' l-ewwel ktieb tal-Bibbja u t-tmiem ta' l-aħħar wieħed jibdew u jispiċċaw bis-sbuħija. Nitlobha lil Marija terġa' takkwistali dik is-sbuħija tar-ruħ li jiena msejjaħ għaliha li forsi tlift kawża tat-telqa u tad-dnub. Nitlob din il-grazzja lilha li hija dejjem attenta bl-għajnejn u l-qalb ta' omm għal dak li jiena neħtieġ. Jekk kienet hekk attenta għall-bżonnijiet ta' koppja kemm iżjed hija attenta għal dak li wliedha jeħtieġu!

## CONTEMPLATIO

### (Nidħol f'relazzjoni ta' mħabba ma' Alla)

- Ngħaddi ftit tal-ħin 'niggosta' t-tjubija ta' l-inbid il-ġdid, il-Kelma, li l-Mulej ried li tidħol ġewwa fija u tiċċirkola ma' ġismi kollu. Nitgħaxxaq b'Dak li tant irid jidħol f'relazzjoni ta' għerusija miegħi li għażel jagħmel l-ewwel miraklu waqt festa ta' żewġ għarajjes.

## ACTIO

### (X'ser nagħmel biex nibda ngħix din il-Kelma)

- Wara li rajt dak li l-Mulej qed jgħidli, inħares mill-ġdid lejn Marija u nerġa' nismagħha tgħidli: *"Issa **agħmel** dak li qed jgħidlek hu!"* ●

# Rettur Ġdid għas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu



***Nhar is-Sibt 13 t'Ottubru 2007, fi tmiem quddiesa konċelebrata fis-7.00 ta' filgħodu, ġewwa s-Santwarju Ta' Pinu, Mons. Isqof Mario Grech, ħabbar li kien ħatar lil Dun Gerard Buhagiar bħala r-Rettur il-ġdid tas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu. F'din il-quddiesa kkonċelebraw ma' Mons. Isqof ir-rettur tas-Santwarju Dun Michael Galea, u Dun Gerard Buhagiar.***

**Dun Gerard Buhagiar**, mix-Xagħra, iben Nazzareno u Mary Ann nee' Camilleri twieled fl-24 ta' Ġunju 1962. Huwa ġie ordnat Saċerdot fil-Katidral ta' Għawdex, mill-Ecc. Tiegħu Mons Nikol Cauchi nhar is-27 ta' Ġunju 1987. Wara l-Ordinazzjoni mar f'Ruma fejn kompla bl-istudji tiegħu u kien ukoll Vigarju Parrokkjali fil-Parroċċa tan-Nativita`. Huwa kiseb il-liċenzjat fit-Teoloġija kif ukoll id-Dottorat bi speċjalizzazzjoni Marjoloġika mill-*Universita` Pontificia Marianum* f'Ruma. Huwa kiseb ukoll diploma fil-Liturġija u fl-Arkejologija Kristjana.

F'lulju ta' 1996 Mons. Isqof Nikol Cauchi ħatru viċi-rettur tas-Seminarju Maġġuri u għalliem fis-Seminarju minuri. Għal diversi snin wettaq ħidma Pastorali maż-żgħażagħ fil-Parroċċa ta' San Lawrenz u anke fl-Uffiċċju Kateketiku tad-Djoċesi ta' Għawdex. F'Settembru 2006 Mons Isqof Mario Grech ħatru viċi-Rettur tas-Santwarju Ta' Pinu, kariga li baqa' jżomm sat-13 ta' Ottubru 2007 meta ġie maħtur Rettur. Dun Gerard attwalment huwa wkoll editur ta' din ir-Rivista.



**Dun Michael Galea** mill-Għarb, iben Gużepp u Teresa nee' Apap, twieled nhar it-13 t'April 1958. Huwa ġie ordnat Saċerdot fil-Katidral ta' Għawdex, mill-Eċċ. Tiegħu Mons Nikol Cauchi nhar is-19 ta' Ġunju 1982. Wara l-Ordinazzjoni mar f'Ruma fejn kompla bl-istudji tiegħu u kien Vigarju Parrokkjali fil-Parroċċa ta' Santa Luċija. Huwa kiseb il-liċenzjat fit-Teoloġija bi speċjalizzazzjoni Kateketika mill-*Universita` Pontificia tas-Salesjani* ġewwa Ruma.

Lura f'Għawdex Mons Isqof Nikol Cauchi ħatru bħala Direttur Spiritwali tas-Seminarju Minuri, PRO tal-Kurja, u Direttur tal-Vokazzjonijiet. Għal bosta snin huwa kien ukoll id-Delegat ta' l-Isqof għaż-żgħażagħ u għal dawn l-aħħar sitt snin huwa kien Rettur tas-Santwarju Ta' Pinu. Issa Mons Isqof Mario Grech ħatru Direttur Spiritwali ta' l-Iskola Sekondarja tal-Bniet tal-Konservatorju ta' l-Isqof fir-Rabat Għawdex. Dun Michael ser jibqa' bħala wieħed mis-saċerdoti kollaboraturi tas-Santwarju Ta' Pinu.

***Il-bord Editorjali tar-Rivista Madonna Ta' Pinu jawgura lil dawn is-saċerdoti kull ħidma fejjieda fil-għalqa tal-Mulej. Żgur li l-Madonna Ta' Pinu tibqa' iżżom ħarsitha fuqhom.***



# Teżori f'Kitbiethom

mill-Arċipriet Carmelo Refalo

## Il-Familja nisranija fil-ħsieb tas-Santi Padri

***L-Imħabba hija kapaċi tibdel kollox. Meta raġel u mara jsiru ħaġa waħda fiż-żwieġ ma jibqgħux aktar bħal ħlejjaq ta' din l-art imma jsiru aktar jixbħu lill-ħallieq tagħhom. Magħqudin flimkien, m'għandhomx iżjed minn x'hiex jibżgħu. Bil-ftehim, l-imħabba u l-paċi, ir-raġel u l-mara jsiru sidien tas-sbuħijiet kollha li hawn fid-dinja. Huma jistgħu jgħixu fis-sliem imħarsa mit-tajjeb li jridu lil xulxin skond dak li ġie stabilit.***

Is-Santi Padri u l-insara ta' l-ewwel sekli ġabru messaġġ importanti dwar il-ħajja tal-koppja fiż-żwieġ kif muri fl-Iskrittura Mqaddsa kemm fl-Antik Testment (Ġen. 1: 27-28) kif ukoll fil-Ġdid Testment (Ġw. 2) u fl-Ittri ta' San Pawl partikularment Efesin Kapitlu 5.

### *Il-familja ta' Nazaret mudell tal-familji nsara*

Il-Missirijiet tal-Knisja jsibu fil-familja ta' Nażaret u fl-episodju tat-tieġ ta' Kana motivazzjoni ispirita għall-familji nsara? Din id-domanda m'għandiex risposta eżatta għaliex is-sensibilita` tal-Missirijiet tal-Knisja fil-kamp Marjoloġiku kienet orjentata lejn problemi oħra. Madankollu nsibu riferimenti nteressanti li ma jsemmux direttament lil Marija imma jorbtu l-preżenza ta' Ġesu` fit-tieġ ta' Kana maż-żwieġ nisrani. Fost dawn ta' min isemmi dawn it-testi: Ġesu` mar fit-tieġ ta' Kana "*biex juri li huwa kien bierek iż-żwieġ ta' Adam u tal-Patrijarki l-oħra u kattarhom bl-iskop li jżommu safja u sinċiera r-rabta konjugali*"[1]. Sabiħ u kommoventi huwa l-awgurju ta' l-Isqof San Girgor Nazjazenu: "*L-isbaħ ħaġa li nawguralkom hija li Kristu jkun preżenti fit-tieġ tagħkom biex l-ilma jinbidel fl-inbid, jiġifieri, nawguralkom biex kollox jinbidel għat-tajjeb*".[2] San Ġwann Griżostmu jagħmel riferiment għall-qies fil-festi tat-tieġ u fuq kollox isemmi l-preżenza ta' Omm Ġesu` fit-tieġ ta' Kana: "*M'għandniex nesaġeraw fil-festi tat-tieġ u nagħmluhom diżonesti imma nimitaw lin-nies ta' Kana tal-Galilija meta wieħed jiġi biex jiżżewweġ għaliex dawn stiednu lil Kristu għall-festa tat-tieġ.*" (Ġw. 2: 1) B'liema mod nistgħu nagħmlu dan? Billi nistiednu lis-saċerdoti. "*Għax min jilqa' lilkom ikun jilqa' lili*" (Mt. 10: 41). Min jistieden lill-qaddejja ta' Kristu, lis-saċerdoti jkun qed jistieden lil Ġesu` u lil Marija bħal f'Kana tal-Galilija. [3]

### *Difiża kontra "diskriminazzjoni tal-mara miżżewġa"*

Jeħtieġ li niftakru li l-Missirijiet tal-Knisja minħabba l-fidi u r-reliġjon ma ħarsu qatt b'mod tajjeb lejn is-soċjeta` mperjali, partikularment fejn tidħol it-traskuraġni tal-ġuvintur u n-nuqqas ta' rispett min-naħa ta' l-irġiel. Infatti jitkellmu mill-fedelta` konjugali, jitkellmu mill-pieni ta'



l-adulterju, mid-divorzju u dan dejjem jagħmluh f'konfront mat tagħlim tal Vanġelu. Il-pożizzjoni tal-Knisja marbuta ma' l-ugwaljanza fil-koppja huma diversi u jixtħu dawl fuq il-problemi tal-lum. Nikkwotaw lil San Girgor Nazjanzenu illi fl-omelija fuq ir-rakkont ta' San Mattew (Mt.19: 1-2) jiddefendi kull tip ta' diskriminazzjoni:

*"Il-liġi tal-bnedmin hi nġusta u mhix ugwali. Għaliex twaddbet il-ħtija fuq il-mara u tħalla ħieles ir-raġel? Il-mara li ġabet ruħha ħażin minħabba dmirijiet konjugali tagħha u minħabba l-adulterju għandha punizzjoni ħarxa mil-liġi u x'jiġri mir-raġel li jaqlibha lil martu? Jibqa' mingħajr ma' jpatti u jħallas għal dan in-nuqqas? Ma naċċettax din it-tip ta' liġi, ma naċċettax dawn l-użanzi."* [4]

## Sensibilita' tal-Knisja tal-bidu dwar l-emanċipazzjoni tal-mara

Ikun inutli nfittxu fil-Missirijiet tal-Knisja t-tema ta' l-emanċipazzjoni tal-mara kif nifhmuha u ngħixuha llum. Madankollu l-anqas nistgħu ngħidu li l-Knisja tal-bidu kienet assenti għall-ħtiġijiet feminili. Mhux darba jew tnejn ġie suġġerit biex iż-żwieġ ma jsirx. Kważi dejjem ħallew f'idejn il-mara biex tkun tista' tagħżel tibqa' xebba jew armla (flok tgħaddi għat-tieni żwieġ) għall-fatt li l-mara qatt m'għandha tkun skjava tar-raġel. Ma tonqosx ir-riflessjoni dwar il-kundizzjoni tal-mara miżżewġa, nies bħal San Ġirolmu jitkellmu mil-"*liġi tas-sottomissjoni*" li ma tiġix imħarsa meta jiġi nieqes id-dmir konjugali jew minħabba l-menopawsa jew fid-deċiżjoni tal-koppja li jastjenu minn rapporti sesswali. San Ġirolmu jitkellem mill-kwistjoni ta' l-irwoli tar-raġel u l-mara. Għandna każi fejn il-mara tieħu t-tmexxija jekk in-nuqqas min-naħa tar-raġel kien ikun ta' tip morali. Jagħti l-każ meta nsibu nisa li huma ħafna aħjar minn żwieġhom biex imexxu d-dar, jedukaw lit-tfal, iżommu d-dixxiplina. San Girgor Nazjanzenu jagħmel kummentarju għal rapport intimu bejn Kristu u l-Knisja li minnu jitkellem San Pawl fl-Ittra lill-Efesin 5: 32.

*"Kemm hu sabiħ li l-mara tirrispetta lil Kristu fir-raġel tagħha. Kemm hu sabiħ li r-raġel ma jweġġax lill-Knisja għax jirrispetta lil martu. Il-mara għandha toqgħod għar-raġel (Ef. 5: 33) għax hekk il-Knisja għal Kristu. Imma wkoll l irġiel għandhom jintrabtu b'kura lejn in nisa tagħhom kif jagħmel Kristu lejn il-Knisja tiegħu."* [5]

## L-imħabba lejn l-ulied

F'dan ir-rigward il-Missirijiet tal-Knisja ħallewlna patrimonju sħiħ partikularment f'żewġ diskori ċelebri: diskors liż-żgħażagħ miktub minn San Bażilju l-Kbir (370-375) u l-ieħor trattat fuq l-edukazzjoni ta' l-ulied miktub minn San Ġwann Griżostmu (396-397). Apparti dawn it-trattati ser insemmu ftit frażijiet qawwija mis-Santi Padri:

- *"Ma nieqaf qatt inħeġġiġkom, nitlobkom u neżortakom, li l-ewwel u fuq kollox u fuq kull ħaġa tieħdu ħsieb b'kura u tiddedikaw żmien għall-edukazzjoni ta' l-ulied."*
- *"Il-vizzji u l-ħażen taż-żgħażagħ huwa ħtija tat-traskuraġni tagħna."*
- *"Mhux il-prokeazzjoni biss tagħmel il-missier, imma wkoll il-kura ta' l-ulied, mhux il-ħlas jagħmel l-ommijiet, imma l-edukazzjoni tagħhom."* [6]
- *"Jekk it-tfal jitrabbew separati u ma jkollhomx l-attenzjoni u l-motivazzjoni, wieħed jagħmel ħsara lill-ieħor."* [7]
- *"Ħa jiftakru l-ġenituri li huma għandhom jieħdu ħsieb jedukaw u jrabbu lil uliedhom u mhux iħalluhom f'idejn ħaddieħor."* [8] ●

---

**Riferenzi**

1 Ruman l-Għannej, *Innu għat-tieġ ta' Kana, 1*
2 San Girgor Nazjanzenu , *Ittra 237*; PG37, 76
3 San Ġwanni Griżostomu, Omelija fuq ir-rapport ma' martek 2, PG 51, 210
4 San Girgor Nazjanzenu, Omelija 37, 6-7; SC 318, 282, 3-284, 3.
5 Ibidem Or. 37,7; SC 318, 286, 12-20
6 San Ġwann Griżostmu, L-Edukazzjoni tat-tfal, 19.
7 Sant'Ambroġ, Ġakobb u l-Ħajja Hienja, 2, 2.7.
8 San Ġirolmu, Kumment fuq l-ittra lill-Efesini, 3.

# Special Hand Stamp Cancellations




## Christmas 2005







## 50th Anniversary St. Mary Statue - Gozo Cathedral



# Special Hand Stamp Cancellations with Marian Connection

## *2005*

Christmas 2005
12-10-2005

To cancel the 2005 Christmas set of stamps on its First Day of Issue, Maltapost p.l.c. issued this special Hand stamp on 12 November 2005. The four stamps which make up the set represents mosaic pictures found at the Ta' Pinu Shrine, at Gharb Gozo. While the original designes for the mosaics were done byChev. Emvin Cremona, the stamps and special handstamp were designed by Chev. Paul Camilleri Cauchi.

The hand stamp shows the knelling Madonna caressing her Son's head. This image is also found on the 7c stamp. Chev. Camilleri Cauchi included in all the stamps sculptured designes found at the same shrine, These designes are the work of his father, the well known Gozitan artist Wistin Camilleri.

The **Santwarju tal-Madonna ta' Pinu** is located 700 metres away from the village of Għarb, located on the island of Gozo, Malta. The works for the new church began May 30, 1920, and the church was consecrated the August 31, 1932. It was built in a neo-romantic style. The bell tower is 61 metres high.

The sanctuary was visited by Pope John Paul II during his visit on the island of Malta in May 1990.

As usual all post offices in Malta and Gozo was issued with this hand stamp, inscribed with the village or town's name.

## *2006*

50th ANNIVERSARY OF ST. MARY STATUE AT THE (GOZO) CATHEDRAL
1956 - 29 April - 2006

Maltapost p.l.c. issued a Special handstamp cancellation from Victoria Sub Post Office on 29 April 2006 to commemorate the 50 Anniversary of the Donation of the Saint Mary's Statue by the Leone Philarmonic Society to the Gozo Cathedral Apart from the wording, the postmark depicts a representation (bust) of the statue of the St. Mary.The handstamp was designed by George Vella.

## 2006

125 Anniversary of the Coronation of the image of
Our Lady of Mount Carmel
Valletta Malta
15 July 2006

On the occasion of 125 Anniversary of the Crowning of the main Altarpiece found at the Carmelite Basilica and shrine dedicated to Our Lady of Mount Carmel, Valletta, Malta, Maltapost plc issued a special hand stamp. The Handstamp in an oval double ring form shows the coat of arms of the Carmelite order together with a replica of the Crown which was solemnly placed on the Madonna's head as queen of Heaven and Earth. The Crowning of this miraculous image of Our Lady under the title of Mount Carmel was the first image to be crowned in the Maltese Islands.

The handstamp was given only from the Valletta Post Office.

## 2006

MILIED - CHRISTMAS 2006
6TH. November 2006

A Christmas set of stamps made up of four stamps and a miniature sheet was issued on 6TH November 2006. The hand stamp used to cancel the set on its first day of issue shows the Nativity scean in silhouette style. The stamps and miniature sheet together with the special hand stamp were designed by George Vella. All post offices in Malta and Gozo were issued with such hand stamp, with their village or town's name inscribed in it.

*Anthony Grech*

*References*
*The Malta Stamp,* Official Buletin of the Philatelic Bureau.

# Special Hand Stamp Cancellations




## 125 Anniversary Coronation Image of O. L. of Mt. Carmel, Valletta







## Christmas 2006



# Ħsibijiet Marjani



mill-ktieb
ta' l-Isqof Don Tonino Bello
miġburin minn A.C.M.




# Marija l-Ewwel Ħlejqa li rat il-Messija

IVA, kienet Marija li tefgħet l-ewwel ħarsa lejn Ġesu` hekk kif twieled.

Kienet hi l-ewwel ħlejqa li rat il-ġisem ċkejken ta' Alla magħmul bniedem.

Wiċċ Alla kien għadu ħadd ma rah. Marija l-ewwel waħda li ħarset Lejh.

## Hemm Hu l-Mistenni mill-Ġnus

U kif nagħġa tilgħaq b'ilsienha lill-ħaruf, il-ferħ tagħha, hekk Marija mellset b'għajnejha lill-Ħaruf Divin.

- Il-Patrijarki, Abraham, Ġakobb u l-bqija kienu ilhom jixxennqu għall-miġja tal-Messija mwiegħed. Iżda ma kellhomx ix-xorti jifirħu bil-wasla tiegħu.
- Il-Profeti, Isaija, Malakija u l-bqija, bil-profeziji misterjuzi tagħhom, ħabbew u ppruvaw jagħtu ħjiel fuq il-figura tal-Messija. Iżda għalqu għajnejhom u mietu, qabel ma kellhom ix-xorti jarawh.
- Il-Foqra, kienu jaqbżu bil-ferħ kull darba li kienet tixtered xi xniegħa li wasal il-Feddej. Iżda, imsieken, kellhom jikkuntentaw rwieħhom li jarawh biss fil-ħolm.
- Ir-ragħajja, fis-sahriet xitwin, imdawrin man-nar biex jisħnu, min jaf kemm-il darba kien jitkellmu fuq "**Dak li kellu jiġi**". U għajnejhom kienu jibbru bil-ferħ għall-ħsieb biss li dalwaqt jiġi l-Mistenni mill-Ġnus.
- Il-Missirijiet, min jaf kemm-il darba fl-iljieli tar-rebbiegħa quddiem uliedhom, kienu jippuntaw subgħajhom 'l fuq biex jistħarrġu l-kwiekeb tas-sema u minn qalbhom toħroġ it-tnehida *"O li kienu s-smewwiet jinfetħu u jiġi jżurna l-Feddej."*
- It-Tfajliet tal-Lhudija, min jaf kemm kienu jiftħu qalbhom ma' xulxin xewqana li jkunu huma li jwelldu lill-Messija li kellu jiġi. Iżda spiċċaw biex sewdu qalbhom, għax ix-xewqa tagħhom baqgħet ma seħħitx.
- Iva kemm għajnejn kienu jħarsu 'l bogħod, jistennew u jittamaw *"Ejja Mulej la tiddawarx"*.
- Għajnejn ta' tfal u ta' xjuħ u tturufnati, għajnejn ta' mġarrbin u tturufnati, għajnejn ta' nies morda u oħrajn li jbassru l-futur.
- Kulħadd jitlob *"Qattru s-smewwiet mill-għoli, ħalli s-sħab iraxxax il-Ġustizzja"*.
- U kulħadd imut bil-piena!

## U issa, sa fl-aħħar, ara wasal l-EMMANUEL!

U dmugħ ta' ferħ iġelben ma' wiċċ Marija.

Għajnejn Marija jitriegħdu bl-imħabba quddiem din it-Tarbija tas-Sema.

U hekk Marija saret il-Mara li tefgħet l-ewwel Ħarsa fuq Alla magħmul bniedem.

U, ngħiduha kif inhi, Marija, safja, mnissla mingħajr tebgħa, Hi biss setgħet tagħtih merħba kif jixraqlu. Hi biss fuq l-art, kellha għajnejn safja u qaddisa.

Warajha, nies oħrajn kellhom il-privileġġ li jarawh b'għajnejhom, bħal Ġużeppi, ir-Ragħajja u aktar tard, ix-xwejjaħ Xmuni li fl-aħħar ta' ħajtu qata' xewqtu u nfexx igħanni: *"Issa O Sid, tista' tħalli l-qaddej tiegħek imur fis-sliem skond kelmtek, għax għajnejja raw is-salvazzjoni tiegħek."*

Iżda... kienet Hi l-ewwel li ħarset LejH u kkontemplatu; kienet Hi l-ewwel li ħarset LejH u fisqietu biex ma jirżahx bil-ksieħ.

Iva,... Marija hi l-ewwel ħlejqa li rat il-Messija, magħżula sa minn dejjem biex, wara sekli ta' stennija tkun dik il-**Plajja purissima mbewsa mix-xmara tal-Grazzja.**

## Talbiet

**Imqaddsa Marija,**
**Int li tfajt l-ewwel ħarsa fuq il-Messija,**
agħtina l-grazzja li nitgħallmu nistagħġbu,
għax m'għadna nafu nistagħġbu b'xejn.
**Għajnejna** draw kollox. Xejn mhu ġdid għalina.
**Qalbna** niexfa qoxqox, bħal qiegħ ta' wied, mingħajr ilma.
**Sirna nies** li drajna kollox, u kollox sar idejjaqna.
Quddiem għajnejna naraw biss ħwejjeġ li drajna u xbajna narawhom, qishom xeni ta' film ripetuti kemm-il darba.
M'għadna nafu nifirħu b'xejn. Il-ħajja saret ripetizzjoni, rutina.

**Imqaddsa Marija,**
Int li taf x'inhuma s-sorpriżi t'Alla,
erġa dewwaqna l-gosti spiritwali tal-ħwejjeġ tas-Sema,
u nissel fina l-ferħ li l-Mulej biss jaf jagħti.



**Imqaddsa Marija,**
**Int li tfajt l-ewwel ħarsa fuq il-Messija,**
agħtina l-grazzja li jkollna *Ħarsa ħelwa* bħal tiegħek,

għajnejk kollha tjieba – imma tagħna kollha għira,

għajnejk kollha ħlewwa – imma tagħna kollha regħba,

għajnejk kollha ħniena – imma tagħna kollha ebusija,

għajnejk kollha safa – imma tagħna kollha ħmieġ.

Int o Marija, għajnejk safja kienu rifless tas-Safa t'Alla għallimna nużaw għajnejna u fehemna l-verita` tal-kliem li qalilna Ibnek Ġesu`:

> *"Il-musbieħ tal-ġisem hija għajnejk. Jekk għajnek hi safja, il-ġisem kollu ikun imdawwal tajjeb. Iżda jekk għajnek hi marida, ġismek kollu ikun mudlam"* (Lk 11. 33-34).

**Imqaddsa Marija,**
**Int li tfajt l-ewwel ħarsa fuq il-Messija,**
Nirringrazzjawk, għax int, mixħuta fuq it-Tarbija, kont qed tirrappreżenta lilna lkoll.

- Int l-ewwel bniedma li tfajt ħarstek fuq il-ġisem t'Alla magħmul bniedem, biex tikkontemplah
- Iżda int wkoll l-ewwel bniedma li Alla tefa' ħarstu fuqek bl-għajnejn tiegħu tal-laħam.

### Grazzi o Ħabiba tal-Festi tal-Milied

**Grazzi,**
Int it-Tama tagħna meta nħossuna weħidna.
Int il-Faraġ ta' dawk li huma weħidhom fi djarhom.

**Aħfrilna,**
jekk aħna moħħna mxerred,
jekk għajnejna jħarsu band'oħra, indifferenti u aljenati,
jekk infittxu uċuħ oħra u mhux dak ta' Kristu.

Imma inti taf, li minkejja kollox, għad għandna ġo fina n-nostalġija tal-ħarsa tiegħek, anzi tal-ħarsa tiegħek u ta' Ibnek Ġesu`.

***U għalhekk, O Marija***
***Dawwar lejna dawk l-għajnejn tiegħek tal-ħniena,***
***speċjalment meta nħossuna weħidna,***
***ma baqgħalna lil ħadd li jħobbna***
***u jaħseb fina,***
***ħlief Lilek, O Marija.*** •



# Sliem Għalik

***mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Nikol Ġ. Cauchi***

## "Sliem għalik, Omm ta' Kristu, Iben t'Alla ħaj"
## Talba ta' Sant'Efrem tas-Sirja

L-awtur ta' din it-talba, Sant'Efrem Djaknu, (306-373) imlaqqam "l-Arpa ta' l-Ispirtu s-Santu "kien teologu, eżeġeta, poeta u għannej tal-Madonna. Ħafna jaħsbu li kien l-ikbar wieħed fost il-Missirijiet tal-Knisja li kitbu bis-Sirjak, kemm minħabba l-għadd ta' l-opri tiegħu, kif ukoll minħabba l-valur tagħhom. Jistħoqqlu wkoll jissejjaħ l-ikbar poeta tal-perijodu patristiku.

Twieled madwar is-sena 306, fis-Sirja fil-belt ta' Nisibis, li llum tissejjaħ Nisaybin, fix-xlokk tat-Turkija. Ġie mgħammed mill-isqof Ġakbu ta' Nisibis, li kien ukoll l-edukatur tiegħu. Flimkien miegħu, Efrem waqqaf l-iskola teoloġika ta' Nisibis, u sar famuż bħala wieħed mill-aqwa għalliema tagħha. Ġie ordnat djaknu fis-sena 337, iżda ma sarx saċerdot u l-anqas aċċetta li jkun isqof.

Fit-363, meta l-belt waqgħet f'idejn il-Persjani, Efrem, flimkien ma' xi nsara oħra ħarab minn Nisibis u mar Edessa. Hawnekk huwa kompla jgħallem fl-iskola teoloġika tal-post, u fil-belt ta' Edessa kiteb il-biċċa l-kbira tal-poeżiji tiegħu.

Bil-kitbiet tiegħu, huwa ddefenda il-veritajiet tal-Fidi nisranija, bħal ma huma l-ħtieġa tal-grazzja divina, il-preżenza reali fl-Ewkaristija, l-interċessjoni tal-qaddisin, il-primat tal-Papa, il-liberu arbitriju tal-bniedem, l-effetti tad-dnub oriġinal. Sant'Efrem ikkumbatta wkoll l-ereżiji ta' Marcion u ta' Manes, u ħadha kontra l-Arjani.

Matul ħajtu u fil-kitbiet tiegħu, huwa wera devozzjoni mħeġġa lejn l-Imqaddsa Verġni Marija u ħabrek ukoll biex ixxerred il-qima lejha. Huwa kien l-ewwel wieħed fil-litteratura nisranija li, "waħda mill-poeżiji tiegħu, Marija, ġiet imsejħa "Għarusa ta' Binha".

Ħalla warajħ għadd kbir ta' xogħolijiet letterari, mhux biss bis-Sirjak, iżda wkoll bl-Armen u bil-Grieg. Fost l-opri awtentiċi, miktubin minn Sant'Efrem, bl-ilsien tas-Sirja, hemm xi priedki u kummentarji fuq il-Ġenesi u l-Eżodu, l-hekk imsejħa "*Carmina Nisibena*" (Għanjiet ta' Nisibis) kif ukoll xi innijiet fuq il-Passjoni ta' Kristu, il-Knisja, il-fidi, u l-verġinita'. L-innijiet ta' Sant'Efrem, kif jixhed Sozomene, kienu jiġu kantati mill-insara tas-Sirja, fil-laqgħat liturġiċi tagħhom.

Barra mid "*Diatessaron*" Sant'Efrem, kiteb bl-Armen, xi kummentarji fuq it-Testment il-Ġdid, bħall-Atti tal-Appostli u l-ittri ta' San Pawl, kif ukoll xi poeżiji li kienu ta' siwi għall-kittieba ta' l-istorja tad-domma.

Hemm ukoll versjonijiet ta' xi opri ta' Efrem djaknu, bil-Grieg, bil-Latin, bil-Koptiku u bl-Għarbi, ħafna minnhom traduzzjonjiet mis-Sirjak, iżda mhux kollha huma awtentiċi.

Sant Efrem miet, f'Edessa, madwar is-sena 373, u l-festa tiegħu fil-Knisja Latina tiġi ċelebrata fid-9 ta' Ġunju. Din it-talba li ġejja kienet miktuba minnu.

*Sliem għalik, Omm ta' Kristu, Iben Alla l-Ħaj*
*Sliem għalik, għanja tal-Kerubin u t-tifħir ta' l-anġli.*
*Sliem għalik, paċi u ferħ tal-ġens tal-bnedmin.*
*Sliem għalik, ġnien ta' kull hena.*
*Sliem, nixxiegħa tal-ħajja.*
*Sliem għalik, Torri ta' l-insara.*
*Sliem, port għal dawk li ġarrbu l-għarqa.*
*Sliem għalik, tifkira ta' Adam.*
*Sliem, fidwa ta' Eva.*
*Sliem għalik, għajn ta' grazzja u ta' immortalita`.*
*Sliem għalik, tempju ta' l-aktar Qaddis.*
*Sliem għalik, tron tal-Mulej.*
*Sliem għalik, int kollok safja,*
*li għaffiġt ras is-serpent u tfajtu ġo l-abbiss.*
*Sliem għalik, rifuġju ta' l-imnikktin.*
*Sliem, lilek li ħlistna mis-saħta.*
*Sliem għalik, ja Omm ta' Kristu, Iben ta' Alla l-ħaj,*
*Li lilu tingħata glorja, sebħ, adorazjoni u tifħir,*
*Issa, f'kull żmien u kullimkien, għal dejjem ta' dejjem. Amen.* •





# mid-Dinja Marjana

minn Lelio Spiteri

## Agora' dei Giovani 2007

Grupp ta' 47 żagħżugħ u żagħżugħa kellhom okkażjoni sabiħa meta ħadu sehem b'mod attiv fl-*Agora' dei Giovani Italiani.* Kollox beda f'Jannar ta' din is-sena meta l-Arċipriet tal-Parroċċa ta' Għajnsielem Dun Frankie Bajada żar Loreto. Hemmhekk saru l-arranġamenti meħtieġa biex grupp ta' żgħażagħ mill-parroċċa jipparteċipa f'dan l-avveniment. Iż-żmien igerbeb u nhar l-Erbgħa 29 ta' Awissu, il-grupp telaq lejn l-Italja biex jibda din l-avventura. Qabel ma l-grupp ittieħed fid-Djoċesi ta' Chieti-Vasto, ingħata l-opportunita` li jmur sa Ruma u jżur il-Bażilika ta' San Pietru. Il-waqfa qasira fuq il-qabar tal-Papa Ġwanni Pawlu II kien mument sabiħ. Il-grupp kien ospitat mill-parroċċa ta' San Nikola, San Salvo. Mal-wasla, Iż-żgħażagħ kienu milqugħa fil-pjazza mill-komunita` parrokkjali. Stajna ninnutaw il-kliem ta' merħba fuq il-faċċata tal-knisja u l-bandiera ta' Malta. Iż-żgħażagħ tqassmu fi gruppi ta' tnejn u kulħadd sab postu għand familja. L-akkoljenza kienet waħda tajba ferm. Don Piero Santoro, l-ex-kappillan ta' San Nicola ra li ma jkun jonqosna xejn. Is-segretarja tal-parroċċa Maria Gulia ukoll kienet strumentali biex kollox jimxi b'mod tajjeb ħafna. Fil-knisja ta' San Nicola ingħatat merħba lill-grupp dak inhar filgħaxija meta wasalna. Matul il-jiem li qattajna ġewwa San Salvo, kellna l-opportunita` li niltaqgħu ma' żgħażagħ oħra li bħalna kienu ser jgħixu l-esperjenza ta' l-Agora'. Irridu nsemmu l-laqgħa li saret fil-katidral ta' Chieti ddedikat lil San Ġustinu, liema laqgħa ferriħija u kollha briju tmexxiet mill-Arċisqof tal-post Monsinjur Bruno Forte. Dan il-bniedem huwa tassew kariżmatiku. Għandu l-kelma faċli, ta' żaqqu f'fommu u dak li għandu jgħid jgħidu mingħajr tidwir mal-lewża.

Kellu kliem ta' merħba għal kulħadd, anke għall-grupp tagħna. Il-katidral tbiddel f'post ta' ferħ, kant, ċapċip u entużjażmu mill-gruppi kollha preżenti li telgħu fuq l-artal u preżentaw lilhom infushom lill-miġemgħa. Mur ġib liż-żgħażagħ tagħna jagħmlu dak l-istorbju kollu ġo xi katidral minn ta' ġżiritna! Wara, kien hemm kunċert ta' mużika u talb f'post ftit 'il bogħod mill-Katidral, post għall-apert forma ta' amfiteatru. Matul it-triq, il-kant ma naqasx. Min-naħa tagħna ma bqajniex lura. F'din l-okkażjoni, ingħatat importanza lill-ekumeniżmu bil-kelliem P. Enzo Bianchi, Prijur tal-Komunita` Monastika ta' Bose jirrakkonta l-esperjenza tiegħu. Kien hemm ukoll tliet żgħażagħ li taw xhieda fuq dan. Esperjenza oħra ġewwa San Salvo kienet

meta l-grupp ittieħed fuq il-muntanja Maiella fis-Santwarju tal-Volto Santo, Manoppello, is-Santwarju fejn huwa miżmum b'għożża u devozzjoni l-maktur tal-Veronika. Monsinjur Forte, waqt l-Ewkaristija, li ġiet iċċelebrata fuq iz-zuntier, saħaq li l-maktur li jinsab Ruma huwa biss kopja. L-oriġinal kien jinsab hemm fil-post. Fl-omelija tkellem dwar is-sesswalita` taż-żgħażagħ u saħaq li s-sess mhux tabu`, iżda rigal. In-nisrani ma jiddejjaqx jitkellem dwar is-sess għax huwa liberu. Huwa saħaq dwar il-kastita` b'aċċenn ċar għas-sess qabel iż-żwieġ. Ġewwa Vasto ukoll tlaqqgħu ż-żgħażagħ ospitati ġewwa Chieti fejn kellhom serata ta' mużika, żfin u kant marbut mar-reġjun. Għal darb'oħra Monsinjur Forte kien preżenti u kien lest li jwieġeb għal kull domanda magħmula miż-żgħażagħ. Risposti bla tlaqliq fuq kollox, ċar u tond.

Is-Sibt l-1 ta' Settembru bdiet il-mixja lejn Loreto, lejn il-Wied, il-wesgħa ta' Montorso fejn kienet ser isseħħ il-laqgħa storika mal-Papa Benedittu XVI. Il-vjaġġ bil-*coach* kien twil, iżda l-iebes kien għadu ġej. Kull *coach* kellha n-numru tal-parkeġġ. Minn hemm sal-Wied kien fadal miexja papali: xemx tisreġ, toqol ta' basktijiet, sħana qawwija, imma determinati u għatxana għal dak li kien ġej. In-nies tal-lokal ħasbu f'kulħadd: pajpijiet ta' l-ilma fit-triq biex jittaffa l-għatx, tuffieħ u dulliegħ li ingħata b'xejn u fuq kollox tbissima fuq il-fomm. Id-djar kienu kollha mżejna bi strixxi sofor u bojod, bnadar tal-Papa u *posters* tal-Qdusija tiegħu. Kien hemm min kellu *banners* b'sentenzi mill-Vanġelu mwaħħla mal-gallerija jew mal-faċċata tad-dar.

Is-serbut twil ta' żgħażagħ ma jaqta' xejn beda kull ma jmur jitwal. S'hawnhekk kollox kien tajjeb. Qabel dħalna fil-Wied, ingħatajna basket apposta bl-ikel u x-xorb għal dawk il-jumejn. X'ħin ersaqna lejn il-Wied, għajnejna raw xena inkredibbli: eluf u eluf kbar ta' żgħażagħ kienu diġa` ħadu posthom u eluf oħra għadhom ġejjin. Kuluri, bnadar ta' kull nazzjon, kulħadd jifrex fl-art ħalli bil-lejl kulħadd jorqod hemm. Xena li timpressjonak! Dawk iż-żgħażagħ kollha miġbura biex jgħixu l-istess esperjenza. Ma ġewx jaraw xi kantant jew star, iżda lill-Papa, iwieġbu għas-sejħa tiegħu meta qalilhom: *Vi aspetto tanti a Loreto!* U vera *tanti* għax kien hemm ħames mitt elf: nofs miljun.

Bdiet il-velja: talb, kant, esperjenzi, il-Papa u d-dħul ta' l-istatwa tal-Madonna s-Sewda b'Andrea Bocelli fuq il-palk ikanta l-Ave Maria. Il-lejl beda dieħel, id-dalma bdiet tiksi l-madwar, is-sħana tal-jum biex ittaffi u minflok iż-żiffa friska u l-kesħa fina bdew jinħassu sew. Beda l-kunċert fuq il-palk prinċipali: kantanti ta' fama u messaġġ qasir, dirett. Ma ninsa qatt ix-xena ta' eluf kbar ta' dwal żgħar provduti mit-torċijiet li tqassmu lil kulħadd f'barżakka apposta: barżakka li kellha fiha tliet kotba, *charger* manwali tat-telefon ċellulari, tliet boroż għas-separazzjoni ta' l-iskart, xalpa bajda, kappell minħabba l-qilla tax-xemx, kuruna tar-rużarju u speċi ta' ċarruta biex tinfirex fuq il-ħaxix ħalli ma ċċappasx l-affarijiet personali tiegħek. Dak id-dawl iteptep minn kullimkien kien tassew spettaklu fih innifsu! Tassew li dawl żgħir waħdu mhux ser jagħmel differenza, iżda jekk kulħadd jixgħel id-dawl tiegħu, allura r-riżultat ikun ferm differenti. Il-lejl intemm b'wirja spettakolari piroteknika. Il-lejl deher mhux daqshekk twil, għalkemm il-kesħa kellha sehem ewlieni. Impressjonawni ż-żgħażagħ Neo-Katakumenali: lejl sħiħ idoqqu l-kitarra u t-tnabar, kant li għalija nstema' repetittiv, żifna mad-daqqa, involviment qawwi miż-żgħażagħ, ma jgħejjewx, assorbiti fl-Ispirtu, żgħażagħ bis-sens! Fl-4.00am tlabnihom jieqfu ftit forsi norqdu! U x'torqod torqod fuq art iebsa ġebla! Iżda kien hemm ftit ħa nagħsa żgħira! Wasal iż-żerniq, ix-xemx telgħet minn fuq l-Adrijatiku! Kiebja għall-bidu. Żdiedet il-ħmura u magħha l-qawwa tar-raġġi dehbija. Ġurnata oħra ta' sħana tremenda, temperatura m'għola s-sema, l-istess bħall-ispirtu li kien jaħkem il-Wied ta' Montorso. Fit-8.00am beda t-talb u wara l-quddiesa mmexxija mill-Papa li wasal fil-Wied u dar maż-żgħażagħ kollha permezz tal-Pope Mobil. Tixjir, entużjamżu jilqgħu liż-żagħżugħ fost iż-żgħażagħ. Il-kant ta' Benedetto Benedetto jidwi fil-widnejn. Għadni qed nisimgħu! Diskors meqjus tal-Papa, f'xi mumenti spontanju, 'il bogħod minn dak li kellu miktub quddiemu. Il-kant mill-kor u l-orkestra animaw l-Ewkaristija. F'dak il-kobor kollu diffiċli tinġabar, iżda tiskanta x'sikta u ġabra kien hemm matul dan il-ħin. Ma tismax ħoss. Waqt l-omelija għamilt traduzzjoni lil sħabi. Xi ħadd ġibidli l-attenzjoni biex inbaxxi leħni! Issa ma kontx qed ngħajjat tafux!

Wara l-angelus tal-Papa, kien jeħtiġilna naqbdu t-triq lura. U l-istorja rrepetiet ruħha: tliet sigħat mixi lura lejn il-*coach*. Xemx tikwi għal darba oħra, ftit inqas piż minn qabel veru iżda xorta triq

twila u ftit diffiċli. Ċeduti wasalna Casa San Francesco fejn konna ser noqogħdu għal jiem ta' wara, imfarrka iżda qawwija u msaħħa minn dak li konna għaddejna minnu.

L-esperjenza tal-grupp kompliet f'Loreto fejn żorna s-Santwarju Marjan b'waqfa speċjali fid-dar ta' Marija, dik id-dar fejn seħħu l-għeġubijiet, fejn l-istorja tas-salvazzjoni taraha minquxa quddiemek fil-ħitan tad-dar. Iż-żjara ġewwa Ancona ħalliet togħma ta' storja u arti.

Kellna ġurnata wkoll Mirabilandia fejn is-sens ta' avventura ħakem lill-grupp kollu. Temmejna din l-esperjenza bi żjara f'Perugia u wara Assisi, il-belt tal-paċi, il-belt fejn għammru żewġ persuni fqar fil-ħajja iżda tant għonja fil-ħajja spiritwali, Franġisk u Klara.

Qabel ħallejna lil Loreto, fil-vjaġġ tagħna lejn l-ajruport żgħir ta' Ancona, kellna x-xorti nżuru ċ-Ċentru Papa Giovanni Paolo II li qiegħed eżatt fuq ir-riħ tal-Wied ta' Montorso. Il-wied ma kienx mimli biż-żgħażagħ iżda bi ftit ħaddiema li kienu qed ineħħu dak li kien fadal mill-palk prinċipali u minn dak li ħallew warajhom iż-żgħażagħ. Il-Papa Ġwanni Pawlu II kien ukoll iltaqa' maż-żgħażagħ fil-Wied ta' Montorso fl-1995. Dak inhar attendew erba' mitt elf ruħ f'avveniment imsejjaħ Eurhope, it-tama ta' l-Ewropa, iż-żgħażagħ. Minn dak inhar nibet il-ħsieb ta' dan iċ-ċentru, post fejn jiltaqgħu prinċipalment żgħażagħ mill-pajjiżi ta' madwar il-Mediterran u jaqsmu l-ħajja tagħhom flimkien permezz tat-talb u riflessjoni. Kull sena xi żgħażagħ mid-Djoċesi ta' Malta jieħdu sehem f'waħda minn dawn il-laqgħat. Tgħid għad jasal il-mument li ż-żgħażagħ tad-Djoċesi tagħna ta' Għawdex jingħataw l-istess opportunita`? Jew aħna Għawdex dejjem *second class*?

Kollox jgħaddi iżda mhux kollox jintesa. Mar-ritorn tagħna lejn Għawdex, tlabna lil dawk li pparteċipaw f'din l-esperjenza biex jiktbu xi ħaġa fuq ktieb apposta. Dawn huma uħud mill-kummenti tagħhom:

- Tgħejja iva u titkisser, għajjien ukoll, imma vera *worth it*. Jekk ikolli xi esperjenza oħra bħal din, immur żgur. *Christian.*
- L-isbaħ esperjenzi u l-aktar profondi kienu li nirċievi l-Ewkaristija fid-Dar Imqaddsa u l-paċi u l-ferħ ta' Assisi. *Laurie Ann.*
- Kienet esperjenza sabiħa ħafna. Żgur li ser tibqa' f'moħħna ż-żgħażagħ. Laqatni ħafna l-lejl li għaddejna barra u l-quddiesa tal-Papa b'eluf ta' żgħażagħ preżenti. Iż-żjara fid-Dar ta' Loretu kienet żjara tassew ta' ferħ u paċi. *Matthea.*
- Għalija kienet esperjenza sabiħa ħafna. Esperjenza li mhix ser tkun minsija żgur. J'Alla jerġa' jiġini ċ-ċans li jkolli l-grazzja li mmur għal din il-laqgħa tal-Papa darb'oħra. *Janet.*
- Kienet esperjenza vera sabiħa, l-aktar mument li laqatni kien meta l-Ħamis filgħodu għamilna l-quddiesa fid-dar tal-Madonna. Kien mument sabiħ li ma naħsibx nista' ngħix dan il-mument darb'oħra. *Joanna.*
- Din l-esperjenza kienet waħda sabiħa, tal-ġenn. Avventura li żgur qatt ma ninsa...kien mument ukoll fejn nagħmel ħbieb ġodda. *Charlon.*
- It was a nice experience for me because I've never been in those places. Loretu was the nicest place. I've done new friends too. *Stephanie.*
- It was a very nice experience, will never forget it. Hope I have the chance to do it again. Thanks for everything. God bless. *David.*
- Għalina ż-żgħażagħ kienet esperjenza sabiħa ħafna, tgħallimna ħafna u mtlejna f'fidi qawwija. *Elvienne.*
- **Li tkun żagħżugħ ma jfissirx li ma temminx...li temmen ma jfissirx li ma tgawdix.** ***Miguel.***
- Esperjenza unika u tal-ġenn. Għamilt ħafna ħbieb ġodda li lanqas biss kont nafhom qabel. Fuq kollox l-esperjenza tal-Papa kienet il-qofol ta' kollox. *Riana.*
- Il-qofol intlaħaq s-Sibt u l-Ħadd l-1 u t-2 ta' Settembru. Li tkun preżenti fost mijiet t'eluf ta' żgħażagħ tistenna lill-Papa! Ma nafx kif nista' niddeskrivi dawk il-mumenti. *Maria.*



# mill-Ħajja tas-Santwarju

miġbura minn
Dun Anton Refalo Rapa

## Awissu 2007

**L-Erbgħa, 8:** Fil-kappella tal-Madonna Ta' Pinu saret iċ-ċeremonja tat-tberik ta' l-għerusija ta' Peter Paul Attard u Joanne Cini fil-preżenza tal-ġenituri u familjari ta' l-għarajjes u tmexxiet mir-Rettur tas-Santwarju Dun Gerard Buhagiar.

**Is-Sibt, 11:** Fr. Alfred Xuereb tal-parroċċa ta' San Ġorġ, Qormi mexxa ċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew tal-Fidda taż-żwieġ ta' Joe Gatt u Doreen Xuereb.

## L-Għid ta' l-Assunta

**It-Tlieta, 14:** Għal-11-il sena saret il-Velja ta' l-Għid ta' l-Assunta fuq iz-zuntier tas-Santwarju. Il-velja bdiet fit-8.30 p.m. b'żifna simbolika Marjana segwita b'talb immexxi minn Fr Charles Fenech O.P., direttur ta' Radju Marija. Wara saret konċelebrazzjoni Ewkaristija mmexxija minn Mons Isqof Mario Grech flimkien ma' numru sabiħ ta' saċerdoti minn Malta u Għawdex. F'din il-Velja ħadu sehem sitt mitt pellegrin minn Malta li kienu immexxija mill-voluntiera ta' Radju Marija. Kienet folla ta' aktar minn 2,000 li ħadet sehem f'din il-Velja li ġiet trasmessa fuq Radju Marija. Wara tkompliet l-Adorazzjoni







Ewkaristika fis-Santwarju Ta' Pinu u kienet organizzata mill-Moviment Ewkaristiku Għawdxi.

**L-Erbgħa, 15:** Fil-jum tal-festa ta' l-Assunta kienu ħafna l-pellegrini li żaru s-Santwarju Ta' Pinu. Fil-5.30 a.m. Dun Anton Refalo iċċelebra l-quddiesa fuq il-Għolja ta' Għammar għall-grupp ta' pellegrini mill-parroċċa tax-Xagħra u persuni oħra. Filwaqt li fit-8.30 a.m. L-E.T. Mons Isqof Nikol Cauchi ċċelebra l-quddiesa tal-festa li kienet imxandra fuq Radju RTK.

***Pellegrinaġġi***

**Il-Ħamis, 9:** Pellegrini mill-Knisja Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu, Valletta immexxija mir-Rettur tas-Santwarju, kellhom quddiesa fis-Santwarju b'talba għal-paċi. Aktar tard żaru s-Santwarju l-abbatini tal-parroċċa ta' San Ġorġ, Qormi immexxija minn Fr. Kevin Schembri fejn ukoll kellhom quddiesa għalihom. Grupp ieħor kien dak taż-żgħażagħ tal-parroċċa tal-Balluta mmexxija mill-Kappillan Fr. Maurice Abela O.Carm li ċċelebra l-quddiesa għalihom. Pellegrinaġġ ieħor kien dak mill-parroċċa ta' Ħal Tarxien flimkien ma' Dun Andrew Borg, u l-aħħar pellegrinaġġ kien dak imexxi minn Fr. Raymond Calleja O.Carm tal-parroċċa ta' Santa Venera.

**Il-Ġimgħa, 10:** Pellegrinaġġ mill-abbatini tal-parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu, Fgura mmexxija minn Fr Renald Lofreda O.Carm.

**Il-Ġimgħa, 17:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' rġiel mill-parroċċa ta' San Ġorġ, Qormi. Fl-istess jum ġiet ċċelebrata l-Ewkaristija għal-grupp ta' *helpers* ta' l-Agostinjani ta' Ħal Tarxien u quddies oħra għal-grupp ta' pellegrini li jgħixu fi New York.

**Is-Sibt, 18:** Pellegrinaġġ b'ringrazzjament lill-Madonna għal grupp ta' persuni li rritornaw mill-pellegrinaġġ tagħhom fl-Art Imqaddsa.

**It-Tnejn, 20:** Grupp ta' l-abbattini mill-parroċċa tal-Mosta li kienu Għawdex għal jiem ta' mistrieħ ħadu sehem fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija mmexxija mill-Arċipriet Fr Mario Tong.

**It-Tlieta, 21:** Grupp ta' żgħażagħ minn San Pawl il-Baħar u Burmarad flimkien mat-tfal ta' l-Istitut Fra Diegu tal-Ħamrun immexxija minn Patri Joseph Xerri OFM Conv. żaru lill-Madonna u ħadu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa.

**Is-Sibt, 25:** Fr. John Muscat flimkien ma' Fr. Ron Falatico mexxew l-Ewkaristija fis-Santwarju għall-grupp ta' pellegrini mill-parroċċi ta' St. Anthony u St. Joseph ġewwa Hammonton, New Jersey.

**Il-Ħadd, 26:** Carmel Bianchi mill-parroċċa ta' San Ġorġ, Qormi mexxa l-pellegrinaġġ għas-Santwarju Ta' Pinu.

**It-Tlieta, 28:** Il-pellegrini li waslu fis-Santwarju llum kienu ġejjin mill-parroċċi ta' Ħal Tarxien u ta' Ħal Luqa.

**L-Erbgħa, 29:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' 23 persuna Maltin mill-*Kerygma Netball* u grupp ta' żgħażagħ minn Ħaż-Żebbuġ.

**Il-Ħamis, 30:** Leġjunarji mill-parroċċa ta' San Pawl il-Baħar żammew il-pellegrinaġġ tagħhom u kellhom quddiesa għalihom minn Dun Mikiel Cauchi. Quddiesa oħra għall-grupp ta' pellegrini mill-parroċċa ta' Santa Venera kienet ċelebrata minn Fr. Raymond Callejja O.Carm.




# Omm li tat ħajjitha għal bintha!

Kitba ta' Dun Mikiel Galea
Illustrazzjonijiet ta' Christine Renée Simoncic

*Sa minn ċkunitha, Gianna kienet miġbuda ħafna lejn il-missjonijiet.*





*Iddeċidiet li ssir tabiba biex 'il quddiem tmur missjunarja lajka tgħin li ħuha Patri fil-Brażil.*

*Pero` baqgħet imħawda dwar dan. Talbet ħafna u kienet tgħid lill-oħrajn jitolbu għaliha.*



*Talbet ħafna meta marret pellegrinaġġ għal Lourdes. Hemmhekk, permezz tad-direttur spiritwali għarfet li l-Mulej xtaqha tiżżewweġ u trabbi familja.*







*Fl-ewwel quddiesa ta' Patri Lino Caravaglia, iltaqgħet ma' l-Inġinier Pietro Molla. Huwa wkoll kien qed jitlob biex jara Alla x'irid minnu. Wara ftit taż-żmien iddeċidew li jiżżewġu u jiffurmaw familja nisranija.*



*Gianna kellha tlitt itfal u kien se jkollha r-raba tarbija, pero' inqala' xi mard u t-tobba sħabha qalulha: trid tagħżel bejn il-ħajja tiegħek u l-ħajja tat-tarbija li għandek fil-ġuf.*



*Gianna ma damitx taħsibha. Qaltilhom: "jekk tiġu biex tagħżlu bejn il-ħajja tiegħi u l-ħajja tat-tarbija, agħżlu l-ħajja tat-tarbija!" u hekk ġara.*



*Illum Gianna Beretta Molla, hija qaddisa u tinsab fuq l-altari għall-eżempju u l-qima ta' l-insara.*

**Il-Ġimgħa, 31:** Membri tas-Soċjeta` ta' San Pawl flimkien mall-Provinċjal il-ġdid Fr. Louis Mallia, ċċelebraw il-quddiesa fil-kappella. Fl-istess jum, grupp ta' madwar 27 pellegrin minn Fatima (Portugal) kellhom quddiesa għalihom fis-Santwarju.

## Settembru

**Il-Ħadd, 9:** Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-kappella tal-Madonna fl-anniversarju taż-żwieġ ta' Alfred u Marija Baldacchino.



Fl-istess jum saret il-Kommemorazzjoni tal-100 anniversarju mit-twelid tal-Venerabli Edel Quinn, leġjunarju Irlandiża li ħadmet u ħalliet ħajjitha għal-Leġjun ta' Marija.

Mexxa l-konċelebrazzjoni Mons Isqof Mario Grech flimkien mad-diretturi spiritwali tal-Leġjun ta' Marija.

*Pellegrinaġġi*

**L-Erbgħa, 5:** Pellegrinaġġ mill-kappillan tal-parroċċa ta' Marsaxlokk Fr Vic.George Vassallo flimkien ma' l-abbatini tal-parroċċa u persuni oħra.

**Il-Ħamis, 6:** Fr Claudio Borg O.P iċċelebra l-Ewkaristija għall-grupp ta' nies minn Malta li nġabru biex jirringrazzjaw lill-Madonna Ta' Pinu għal-grazzja ta' fejqan.

**Il-Ġimgħa, 7:** Grupp ta' sorijiet Agostinjani fit-tmiem ta' l-irtir tagħhom li sar fid-dar tagħhom f'Għajnsielem ġew f'riġlejn il-Madonna flimkien mad-direttur ta' l-irtir Fr. Fabio Attard SDB

**Il-Ħadd, 9:** Pellegrinaġġ ta'madwar 90 persuna mill-parroċċa ta' Ħal Għaxaq li kien immexxi mill-kappillan Fr. Mario Said u pellegrinaġġ ieħor immexxi minn Fr. Joe Mamo OFM. Conv.

**It-Tlieta, 11:** Pellegrinaġġ għall-grupp ta' 65 persuna mill-Mosta.

**L-Erbgħa, 12:** Pellegrinaġġ minn grupp mill-Italja b'ringrazzjament lil Alla u lill-Madonna għall-professjoni perpetwa ta' tliet Patrijiet Franġiskani Minuri. Pellegrinaġġ ieħor kien immexxi minn Patri Constantino Borg OSA mill-parroċċa ta' San Pawl il-Baħar.

**Il-Ġimgħa, 14:** Pellegrinaġġ ta' madwar 115 persuna, immexxi mill-kappillan tal-parroċċa ta' l-Imġarr Fr. Joe Fsadni.

## Ottubru

**Il-Ħamis, 4:** Fil-kappella tal-Madonna Ta' Pinu, saret il-Magħmudija ta' Abigail Pace bint Josette u James Pace minn Mons. Eucaristico Sultana.

**Is-Sibt, 13:** Il-quddiesa tas-7.00 ta' filgħodu mmexxija mill-Isqof ta' Għawdex Mons Mario Grech li fit-tmiem tagħha ħabbar li mill-llum huwa qed jaħtar lil Dun Gerard Buhagiar bħala Rettur tas-Santwarju Ta' Pinu. Huwa stieden lil dawk preżenti biex joffru t-talb tagħhom għalih, u fl-istess ħin huwa rringrazzja lil Dun Mikiel Galea li għal kważi sitt snin sħaħ kien hu r-rettur tas-Santwarju u li issa ġie maħtur Direttur Spiritwali fl-iskola sekondarja tal-Bniet tal-Konservatorju ta' l-Isqof.

**Il-Ħadd, 14:** Quddiesa mmexxija mill-Isqof Emeritus Mons Nikol Cauchi fl-ewwel anniversarju mill-inawgurazzjoni tal-Monument Nazzjonali tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Preżenti għal din il-konċelebrazzjoni kien hemm il-membri tal-Kavallieri tas-Santu Sepulkru. Il-quddiesa kienet animata mill-*Schola Cantorum Jubilate.*

**It-Tlieta, 16:** L-Arċipriet Dun Frankie Bajada amministra s-sagrament tal-Magħmudija ta' Jake Carol Portelli bint Antonio u Mariyse-Anne Portelli.

**Il-Ħamis, 25:** Ir-Rettur Dun Gerard Buhagiar iċċelebra quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-kappella tal-Madonna fl-okkażjoni tal-25 sena taż-żwieġ ta' Charles Grima u Marion Grima mill-Fgura.

**Il-Ġimgħa, 26:** Ġie amministrat is-sagrament tal-Magħmudija ta' Lucas minn Dun Karm Curmi. Fl-istess jum saret ukoll il-Magħmudija ta' Lisa Apap bint Francis u Rose Apap minn Fr Jesmond Apap SDB.

**Il-Ħadd, 28:** Mons. Salv Grima amministra s-sagrament tal-Magħmudija lil Janica bint Melissa Grima u John Sultana.

***Pellegrinaġġi***

**It-Tlieta, 2:** Quddiesa ta' ringrazzjament biex tfakkar il-25 anniversarju mit-twaqqif tal-Grupp Missjunarju Għawdxi u b'suffraġju tal-fundatur Dun Mikiel Attard, iċ-ċelebrant kien Dun Manwel Spiteri.

**Il-Ġimgħa, 12:** Fr Godfrey Zarb OFM Cap u Fr Diego Theuma OFM. Cap iċċelebraw l-Ewkaristija fis-Santwarju flimkien mall-pellegrini li ġew minn Malta.

**It-Tnejn, 15:** Pellegrinaġġ minn grupp ta' Madwar 50 persuna minn Franza. Fl-istess jum, Fr Terry Ray minn Perth ġewwa l-Awstralja mexxa grupp ta' pellegrini minn djoċesijiet differenti ta' l-Awstralja u għalihom iċċelebra l-Ewkaristija.



# The Blessed Virgin Mary and the Sacrament of Marriage

**Rev. Emanuel Magro**

*"On the third day there was a wedding in Cana in Galilee, and the mother of Jesus was there. Jesus and his disciples were also invited to the wedding. When the wine ran short, the mother of Jesus said to him, "They have no wine." (And) Jesus said to her, "Woman, how does your concern affect me? My hour has not yet come." His mother said to the servers, "Do whatever he tells you." Now there were six stone water jars there for Jewish ceremonial washings, each holding twenty to thirty gallons. Jesus told them, "Fill the jars with water." So they filled them to the brim. Then he told them, "Draw some out now and take it to the headwaiter." So they took it. And when the headwaiter tasted the water that had become wine, without knowing where it came from (although the servers who had drawn the water knew), the headwaiter called the bridegroom and said to him, "Everyone serves good wine first, and then when people have drunk freely, an inferior one; but you have kept the good wine until now." Jesus did this as the beginning of his signs in Cana in Galilee and so revealed his glory, and his disciples began to believe in him. After this, he and his mother, (his) brothers, and his disciples went down to Capernaum and stayed there only a few days."*

(Jn 2:1-12)

This narrative about the wedding at Cana reveals that at least one of the families of this newly wed couple must have known Mary and her family. They must also have known that Jesus had a group of friends who followed him. They invited Mary and her family to the wedding. And Mary as well as Jesus accepted the invitation and partook in the wedding celebrations.

In the course of the wedding festivities, something went wrong. The wine ran short. Mary, who had already gone through the experience of all that entails in preparing and celebrating her wedding, was very attentive and sensitive to the emerging embarrassing situation for her friends. She took action and sought out her son. She petitioned him to do something and redeem the newly wed couple from a very shameful and degrading position. She cannot allow the bride and bridegroom start their married life in such a disgraceful manner! She knew from her own experience what it means to begin married life in such a way. Matthew has pointed out that she was found with child before she started living with Joseph, her husband and the putative father of her son Jesus.

Mary was a married woman. She married Joseph, the putative father of her son, Jesus. She knows first hand what married life entails. She loved her husband. Yet, she had to get accustomed to him and his idiosyncrasies as she started to live with him. Like any other married person Mary had to adjust herself to married life. Together with her husband she must have celebrated with joy the rhythm of married life. As a Jewish mother she led every Friday evening her family in the weekly ritual of welcoming the Sabbath thanking God for creation and for the food that they would partake together as a family.

According to the book of Genesis the wife is to be a suitable partner to her husband. As a married woman Mary was a suitable partner to Joseph, her husband. She shared with him the ups and downs of married life: the excitement of becoming a mother, the concern for the upbringing of her offspring, the worry of everyday life, the anxiety about money whether they will have enough to buy what is necessary for food and clothes.

Her life seemed to have centered on her son. Whoever invited her to the wedding feast in Cana must have understood the close relationship that existed between mother and son. They invited Jesus too, together with his friends. As a good-enough mother she knew her offspring well and understood his gifts. She was not thrown off by his remark ("Woman, how does your concern affect me? My hour has not yet come") when she informed him that the wine was running short. She believed in her son and knew that he would graciously assist those who are in trouble. She prepared the way for his first manifestation and told the servants at the wedding feast to do whatever he tells them. And he did follow her lead. He ordered the servants to fill the jars with water which he transformed into wine.

Mary continues to intercede for all couples. Having experienced herself married life and all that it involves she continues to invite Christian spouses "to do whatever he tells you." Whoever invites her to be part of their married life, she surely brings with her Jesus, her son. And both Mary and Jesus will come and be part of the spouses' married life. As she was sensitive to the needs of the newly weds and sought out her son to redeem the newly married couple, so too Mary will definitely alert Jesus once she notices that something is amiss in the spouses' married life.

***Mary, married woman, accompany and pray for all married couples!*** •



# Isejħulek hienja...

**_Paġna Letterarja_**

**minn Francesco Pio Attard**

## "Kollok sabiħa int" - Poeżija Sabiħa fuq ġmiel wisq isbaħ



### *Ħjiel fuq Ħajtu*

**Mons. Giuseppe Farrugia Gioiso (1887-1969)**

Farrugia Gioioso twieled ir-Rabat, Għawdex, fl-20 ta' Jannar 1887, minn Ġanni Farrugia u Ġanna mwielda Galea. Tgħammed mill-arċipriet Feliċ Refalo dakinhar stess fil-bażilika ta' San Ġorġ, Victoria. Billi sa minn ċkunitu ħass il-ġibda għall-vokazzjoni saċerdotali rsista bis-sħiħ fl-istudji tiegħu fil-*Liceo* u fis-seminarju ta' Għawdex, dakinhar taħt il-Ġiżwiti. Ġie ordnat saċerdot fil-21 ta' Diċembru 1912 mill-isqof ta' Għawdex, Giovanni Maria Camilleri.

Fi żmien l-Ewwel Gwerra Dinjija Farrugia offra s-servizz ministerjali tiegħu bħala kappillan militari fil-Greċja, il-Bulgarija u l-Italja. Imbagħad bejn is-snin 1939 u 1945 reġa' mill-ġdid serva bħala kappillan għas-suldati Ingliżi, Amerikani u Maltin stazzjonati f'Għawdex tul it-Tieni Gwerra Dinjija.

Dun Giuseppe Farrugia Gioioso nħatar il-ħames u l-aħħar bibljotekarju fil-Librerija Pubblika ta' Għawdex fl-1931, u dam f'din il-kariga sal-1948. Kien f'dan iż-żmien li hu ġie mħajjar minn Sir Harry Luke, logutenent gvernatur ta' Malta, biex jaqleb għall-Malti l-manuskritt tal-kanonku Ġann Piet Franġisk Agius de Soldanis, *Il Gozo antico e moderno sacro e profano*, xogħol tas-seklu tmintax, li kien jinsab ma' karti oħra fil-Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta, il-belt Valletta. It-traduzzjoni mit-Taljan għall-Malti għamilha minn traskrizzjoni tal-manuskritt, li tinsab fil-Librerija Pubblika ta' Għawdex. L-ewwel volum ħareġ fl-1936 u t-tieni fl-1953, bl-isem *Għawdex bil-ġrajja tiegħu*. Żgur li kienet l-imħabba patrijottika li kellu għal art twelidu li ġegħlitu jagħmel din il-biċċa xogħol hekk nobbli, li għadha monument imprezzabbli tiegħu sa żmienna.

Mons. Farrugia kien ukoll għalliem magħruf tal-Latin u t-Taljan fil-*Liceo*, fejn qatta' għomru u żmienu, u minħabba f'hekk kulħadd kien iħobb isejjaħlu "Surmast". Għallem ukoll fis-seminarju ta' Għawdex. Il-Latin u t-Taljan hu kien jaf jitkellimhom sew u jħaddimhom daqs ilsien art twelidu. Filfatt għandu ktieb fuq il-prosodija Latina.

Iżda Giuseppe Farrugia Gioioso jibqa' jibbrilla għall-versi poetiċi li ħallielna. Fost dawn insibu l-aktar kitbiet bil-Malti, fuq mija u ħamsin, imma kien ukoll kapaċi jikteb il-poeżija bil-Latin u bit-Taljan. Hu qatt ma ġabar xogħlijietu fi ktieb, u għalkemm hemm bosta manuskritti tiegħu li ntilfu jew intremew bi żball, il-biċċa l-kbira tal-poeżiji tiegħu, uħud minnhom miktuba għal okkażjonijiet partikulari, għadek issibhom stampati fuq rivisti u ġurnali anki llum il-ġurnata. Il-poeżija ta' Farrugia tagħżlu mill-poeti l-oħrajn kollha, għax jidher ċar fiha li hu ħalla l-istil klassiku u romantiku ta' kittieba kbar jinfluwenza l-vrus profondi, il-qawwa tal-ħsibijiet u l-ġmiel

ta' espressjoni fil-kelma tiegħu. Dan joħroġ l-aktar fin-numru kbir ta' sunetti li kiteb.

Barra l-poeżija dan is-saċerdot Rabti kellu wkoll għal qalbu l-proża, li xejn inqas ma tirrifletti l-kapaċitajiet letterarji tiegħu. Xogħlijiet bħar-rumanzi *Bniedem imġarrab*, *Marija Platamun* u *Min kien Aħmed*, kollha jitkellmu għas-sengħa mirquma li biha kien jikteb, fejn qatt ma kien jonqos l-aspett pożittiv u realistiku. Fost il-kitbiet l-oħra tiegħu nsibu wkoll ktieb fuq il-ħxejjex u x-xtieli mediċinali ta' dawn il-gżejjer, ktieb ta' talb, u t-traduzzjoni mit-Taljan *Kliem il-għerf nisrani*. Hi tassew ħasra li dawn il-manuskritti kollha, li huma xhieda ċara ta' l-intellett wiesa' ta' l-awtur, għadhom ma sabux min jippubblikahom f'kotba.

Ta' min isemmi fl-aħħarnett li Mons. Farrugia Gioioso kien ukoll drammaturgu mill-aqwa, li uża x-xogħlijiet tiegħu biex iwassal messaġġ ċar, spiss anki b'xeħta morali u reliġjuża. Fost l-aqwa drammi li kiteb għall-palk insibu *Il-Misħut* f'erba' atti, *L-Imtieħen*, u r-radjudramm *L-arċipriet Franġisku Saverju Cassar*.

Fil-21 ta' Lulju 1946 inħatar kanonku tal-katidral ta' Għawdex, anki bħala apprezzament għall-kontribuzzjoni letterarja kbira li ta. Miet fir-Rabat, Għawdex, fl-4 ta' Marzu 1969. Isem dan is-saċerdot Għawdxi - bibljotekarju, storjografu, predikatur mill-aqwa, poeta tal-vrus bil-Malti, it-Taljan u l-Latin, prożatur u drammaturgu - jixraq li jibqa' mfakkar fostna, għall-ħila letterarja li biha żejjen mhux ftit is-soċjetà Għawdxija.

Mons. Giuseppe Farrugia Gioioso donnu jaqa' f'linja interessanti ta' persunaġġi - ilkoll mill-parroċċa ta' San Ġorġ u li ħallew isem għal Għawdex - li ġarrew l-istess isem. Filfatt wara l-ewwel kunjom tiegħu jitpoġġa dak ta' Gioioso biex ma nħalltuhx ma' l-isem ċelebri ta' Mons. Giuseppe Farrugia "Tal-Vers". Warajhom, imbagħad, ġew mill-inqas żewġ saċerdoti oħra bl-istess isem: Mons. Ġużeppi Farrugia "Ta' Menzja" u l-arċipriet emeritu tal-bażilika ta' San Ġorġ, Mons. Ġużeppi Farrugia, għalliem tat-Teoloġija fl-universtità ta' Malta u fis-seminarju ta' Għawdex. Interessanti wkoll li l-awtur ta' l-ewwel storja ta' Għawdex, Agius de Soldanis, li Farrugia Gioioso qaleb ix-xogħol magħruf tiegħu għall-Malti, ukoll kien mill-istess parroċċa tiegħu.

## Sunett marjan mill-aqwa

Għidna diġà li Farrugia Gioioso jesprimi ruħu bl-aqwa mod fil-versi konċiżi imma profondi tas-sunett. Filfatt minn dawn kiteb iżjed minn ħamsin. Hawn għandna sunett Petrarkan, sintendi b'erbatax-il vers. L-ewwel żewġ strofi huma ta' erba' versi-l wieħed; fihom l-ewwel vers jirrima mar-raba', waqt li t-tieni mat-tielet. Iż-żewġ strofi l-oħra huma ta' tliet versi, imma tista' kważi tgħaqqadhom flimkien fi strofa waħda, fejn kull żewġ versi jirrimaw ma' xulxin (*imsaħħar* ma' *ifaħħar*, *għaġeb* ma' *stagħġeb*, u *ġenna* ma' *tithenna*). Tabilħaqq ħila kbira din ta' l-awtur li joħloq rima bħal din, f'poeżija b'ritmu endekasillabu.

Is-sunett, li deher f'okkażjonijiet diversi fuq ir-rivisti *Regina et Mater* u *Il-Ħabbâr ta' Sant'Antnin*, kif ukoll fuq il-ktejjeb tal-festa tal-Franġiskani Konventwali Għawdxin *Tota Pulchra*, hu indirizz dirett tal-poeta lil Marija, fejn, kif jindika l-isem, ikellimha fuq il-ġmiel li bih żejjinha Alla. Jistqarr li tant għamilha sabiħa, li hu xejn u ħadd ma jista' jsib ħa jxebbah magħha. Kull ħlejqa oħra, hi kemm hi sabiħa u kbira, ma tibdiex - hawn juża l-espressjoni sabiħa "bħal-lejl min-nhar iddub" - ħdejn Marija. Fi ħsieb il-poeta l-ġmiel li bih Alla żejjen lil Marija hu ta' natura partikulari, kważi divina, hekk li lanqas jekk trid ma tista' tqabblu ma' dak uman. Alla biss jista' jifhmu għax hu għamlu.

Il-poeta jkompli jinfexx f'dellirju ta' għaxqa b'Marija mnissla bla dnub u tifħir lilha, u hawn li jikxef verità sabiħa li hi tgħallimna: tassew li kulħadd f'din l-art "imsaħħar" bil-ġmiel waħdieni ta' Marija, imma dan għandu jwassalna biex infaħħru lil Alla, il-Ħallieq ta' dan il-ġmiel, għall-"ħwejjeġ kbar" (kliem Marija stess fil-*Magnificat*, Lq 1:49) u "ta' l-għaġeb" li għamel magħha. Kulmin sema' b'dan il-ġmiel ta' Marija, jissokta jistqarr il-poeta, mar jgħid li l-ġmiel ta' Marija "sebbaħ ġenna", hekk li Alla nnifsu tgħaxxaq bih kif għamel b'Ibnu (ara Mt 3:17), il-qaddisin u l-anġli ssebbħu bih, u f'din l-art hu ġmiel li jhenni lil kull ruħ.

M'għandniex xi ngħidu, l-espressjonijiet u l-lingwaġġ purament semitiku li bihom Farrugia Gioioso jwarrad dan is-sunett tiegħu jirriflettu ħila barranija fil-kitba u mħabba ġenwina lejn Marija. Biex inġibu eżempju wieħed, għandu għarfien wiesa' tal-vokabularju hekk li jaf iħaddem żewġ kelmiet li jfissru l-istess biex ma jtennix l-istess kelma u jfaqqar is-sens; hekk jagħmel b'*fejnek* u *mnejnek*.

Nemmen li hemm bżonn niskopru iżjed fil-fond lil dan il-kitticb Għawdxi biex nitgħallmu nikbru iżjed fl-imħabba tagħna lejn Alla u Marija, il-"kollha kemm hi sabiħa".

## 'Tota Pulchra es, Maria'

Iż-żmien ta' l-Avvent hu ż-żmien ta' l-istennija, iż-żmien li fih il-Knisja tistedinna nħejju ruħna għall-miġja tal-Feddej tagħna, mhux biss it-tarbija f'Betlehem imma l-Mulej li ġej u li jimla bil-preżenza tiegħu kull mument ta' l-eżistenza tagħna. F'dan il-kwadru ta' żmien ta' "stennija ferrieħa" Marija tidher bħala l-mara tat-tama, dik li tistenna l-miġja tal-Feddej u l-ewwel waħda li tilqgħu f'ġufha, imma l-ewwel f'qalbha, qabel tagħtih lid-dinja. Hi, kif isejħilha Dante, "bint Binha", il-mara li tisma' u tilqa' l-Kelma bl-ubbidjenza tipika ta' l- *"anawim"*. U għalhekk Marija hi l-mara ta' l-Avvent *par excellence*. F'dan id-dawl nifhmu kemm hi f'postha



*Il-manuskritt oriġinali tal poeżija* - Ħajr Frank Mercieca

## Tota pulchra es, Maria

Tant hu sabiħ il-ġmiel li bih mar żejnek
Alla l-imbierek, għajn ta' kull qdusija,
li m'hawnx ma' min inxebbhek, o Marija;
ma nsibx imkien min jista' joqgħod fejnek.

Kull ħlejqa, hi kemm hi bil-ġmiel mogħnija,
bħal-lejl min-nhar iddub u tgħib imnejnek,
għax ġmielek hu ġmiel ta' bejn Alla u bejnek
biss u ta' l-ebda ħliq li d-dinja fiha.

Għalhekk kulħadd fis-sema u fl-art imsaħħar
wara dan ġmielek; 'l Alla jmur ifaħħar,
li għamel miegħek ħwejjeġ kbar, ta' l-għaġeb,

li bihom kulmin sama', bihom stagħġeb,
u mar jgħid li ġmielek sebbaħ ġenna,
li għaxxaq 'l Alla u bih kull ruħ tithenna.

Mons. Giuseppe Farrugia Gioioso

s-solennità ta' l-Immakulata Kunċizzjoni proprju fil-qalba ta' dan iż-żmien qawwi tal-Knisja.

Mons. Giuseppe Farrugia Gioioso għandu pataflun ta' poeżiji u sunetti ddedikati lill-verġni Marija. La kien mir-Rabat, hu kien midħla sew tal-festa tal-Kun'izzjoni li jagħmlu l-patrijiet Konventwali. Filfatt insibulu numru sabiħ ta' poeżiji lill-Immakulata. Jispikka fosthom dan is-sunett, *Tota pulchra es, Maria*, kliem li sar tant sinonimu mat-teoloġija marbuta ma' l-Immakulata Kun'izzjoni, għax il-Knisja ssellfitu mill-ktieb ta' l-Għanja ta' l-Għanjiet (4:7) u applikatu għall-verġni Marija. "Kollok sabiħa int, o Marija" - vers li daħal fil-Liturġija tas-Sigħat bħala waħda mill-antifoni ta' jum it-8 ta' Diċembru, u kemm f'Għawdex u kemm f'Bormla, fejn din is-solennità tiġiċċelebrata bil-kbir, ma jdumux ma jaqgħu għajnejk fuqu int u tifli l-armar jew it-tiżjin l ichor tal-fcsta. U japplika tasscw għal Marija, li hi "kollha kemm hi sabiħa" f'għajnejn Alla u f'għajnejna, għax "mimlija bil-grazzja" (Lq 1:28). Mhux ta' b'xejn li ħafna predikaturi, kittieba u poeti - u mhux biss Gioioso - għamlu tagħhom dan il-vers ta' ġieħ huma u jfaħħru lill-verġni Marija. ●

**Bibljografija**

ATTARD Joe M., *Profili: Kittieba Għawdxin*, (xogħol mhux mitbugħ), Malta.

# Grazzi, Madonna għax Smajtni

*miġbura minn*
*Edward Depasquale*



## Lulju - Awissu 2007

**Amerika:** Attard Frank & Tereża, Borg Doris, Borg Pawlu, Catapano Maria, Cerpelloni Family, Cremona Joe, Curmi Tony, Cutajar Rita, Delaney Charlotte, Farrugia Nicholina, Farrugia Raymond, Farrugia Rita, Formosa Doris, Grech Manwel, Grech Martin, Grech Sylvia, Grima Anthony, Grima Doris, Mascar Josephine, Muscat Michael & Marie, Pisani Family, Portelli Joe, Portelli Marija, Portelli Toni, Schembri Maria, Skinder Lora, Spiteri Frank & Tessie, Vella Salvina, Zammit Pawla.

**Awstralja:** Agius Carmen, Agius Mary Rose, Agius Stella, Attard Carmen & Victor, Attard Joe & Sylvia, Attard Philip & Pauline, Axiaq Connie, Axiaq Maria, Bigeni Marija, Busuttil Miriam, Buttigieg Helen, Buttigieg Mary, Buttigieg Rose, Caruana June, Cassar Mr.&Mrs., Chetcuti Tony, Cutajar Antoinette, Debono Ġuża, Degabriele Josephine, Farrugia John, Galea Angelique & Adam, Galea Christine, Galea Fortunata, Galea Margaret, Galea Thereża, Gatt Mr. & Mrs., Gatt Nancy, Gauci Christina, Grima Carmen, Grima Helen, Grima Jim, Grima Tessie, Hili Mr. & Mrs., Meilaq Richard, Mercieca Rita, Mercieca Salvina, Micallef Mary, Muscat Carmen, Muscat James, Muscat Karen, Muscat Silvio, Parnis Stella, Pollacco Luciana, Portelli Jean, Said Antonietta, Saliba Frank, Saliba Mr. & Mrs., Sammut Victor, Slow Carmen, Spiteri Loreta, Stead John & Vicky, Stevens Family, Sultana Monty, Vella Carmen, Vella Charlie, Vella Connie, Vella Familja, Xerri Marija, Zammit Charlie, Zammit Mary, Zammit Tarcisio, Jane, Josephine.

**Ewropa:** Ackerman Vicky, Blower Mary, Callus Gracy, Cilia Claudine, Clark David, Davis Pat, Farrell Jessie, Hayes Catherine, Leeming Mrs., May Doris, Mercieca John, Skamljic Langecker, Thile Tam, Thsh Le Thi.

**Għawdex:** Agius Ċensa, Agius Adeodato, Agius Carmela, Attard Charlotte, Attard John, Attard Michael, Attard Rita, Attard Sharlon, Attard Sylvana, Axiaq Edel, Axiaq Josephine, Axiaq Lawrence, Azzopardi Ġorġ., Azzopardi Żarena, Azzopardi John, Azzopardi Josephine, Azzopardi Laura, Azzopardi Maryanne, Azzopardi Michelina, Bajada Karistu, Bajjada Paul, Bezzina Annunziata, Bigeni Rowen, Borg Carmen, Borg Joseph, Borg Maria, Borg Susan, Bugeja Marija, Bugeja Mario, Burrigieg Nicholas, Buttigieg Ġita, Buttigieg Familja, Buttigieg Grace, Buttigieg John, Buttigieg Josette, Buttigieg Marija, Calleja Nathalie, Camilleri Joseph, Camilleri Nancy, Camilleri Sharlon, Cassar Ġanna, Cassar Ġiulina, Cassar Margaret, Cauchi Eugenia, Cefai Salvina, Cini Familja, Cini Ray & M'Rose, Costa Tereża, Cremona Stella, Curmi Emanuel, Day Mr. & Mrs., Debono Mary, Debrincat Ġuża, Falzon Delina, Farrugia Carmen, Farrugia Joe, Farrugia Michael, Formosa Leli, Formosa Rita, Galea Ġorġia, Galea Ġuliana, Galea Kelina, Gatt Ġuża, Gatt Joseph, Grech Anna, Grech Frances, Grech John, Grech Rose, Grech Salvina, Grima Ferdinand, Grima Mary, Hili Emmanuel & Familja, Hili Mary, Hudson Familja, Magro Clementa, Magro Frank, Mercieca Jane, Mercieca Jessie, Mercieca Marija, Mercieca Mario, Mercieca Tar'isja, Micallef Leli, Mintoff Frans, Muscat Carmen, Muscat Coronata, Muscat Coronato, Muscat Francis, Muscat Margaret, Muscat Marija Assunta, Muscat Nancy, Muscat Rose, Piscopo Joe-Louie, Portelli Ġiovanna, Portelli Emily, Portelli Marija, Portelli Melissa, Portelli Pawlina, Rapa Marija, Refalo Allison, Refalo Victoria, Rotin Marija, Said Margaret, Saliba Ċetta, Spiteri Consilja, Spiteri Doreen, Spiteri Rose, Spiteri Stephanie, Sultana C., Sultana Cos., Sultana Fortunata, Sultana Franġiska, Sultana Mary, Sultana Rita Sultana Tarcisio, Tabone Rita, Theuma Greżżja, Theuma Peter, Vasallo Tereża, Vella Angelo, Vella Charles, Vella Doreen, Vella Elizabeth, Vella Frances, Vella Francis, Vella Rose, Vella Tonina, Xerri Liża, Xerri Philip, Xerri Rita, Xuereb John, Xuereb Joseph, Zammit Damian, Zammit Salvina, Zammit Victor.

**Malta:** Abdilla Aloisia, Abdilla Rita, Abela Gertrude, Abela Grazziella, Abela Mary Grace, Abela Pawlu, Agius Kelinu, Agius Ruth, Agius Steven, Agius & Hili Familji, Aquilina Curson, Aquilina Joe, Aquilina Mary, Arena Marija, Attard Carrie, Attard Karmnu, Attard Mario & Sylvia, Attard Martina, Attard Ritchie, Axiaq Karmenu, Axisa Ninu, Azilla Alfred, Azzopardi Anġlu, Azzopardi Charmaine, Azzopardi George, Azzopardi Joanne, Azzopardi Lawrence, Azzopardi Mrianne, Azzopardi Ninu, Azzopardi Rita, Bajjada Anthony, Baldacchino Helen, Barbara Charlie, Bartolo Carmen, Bartolo Mary Rose, Belfiore Tania, Bellizzi Jennifer,Bezzina Benjamin, Bezzina Catherine, Bezzina Dwardina, Bezzina Rita, Bianchi Carmel, Bilocca Eugenia, Bonanno Doris, Bonnici Pawlu, Bonnici Rita, Bonnici Tessie, Bonnici Zak, Borg Ġorġinu, Borg Alfred, Borg Charles, Borg Grace, Borg Joe, Borg Salvina, Briffa Jacqueline, Briffa Wayne, Bsuttil Joanne, Bugeja Antonia, Bugeja Carmen, Bugeja Jacqueline, Bugeja Thereża, Buhagiar Doris, Busuttil Antonia, Busuttil Carmen, Busuttil Fiona, Busuttil Salvina, Buttigieg Domenick, Buttigieg Marisa, Buttigieg Tereża, Cachia Pauline, Cachia Peter, Cachia Tessie, Calleja Carmen, Calleja Ian, Calleja Kunċetta, Camenzuli Analise, Camilleri Anne, Camilleri Doris, Camilleri Evanġelista, Camilleri Marija, Camilleri Sr., Caruana Joanna, Caruana Luigia, Cassar Ġorġa, Cassar Carmen, Cassar Carolyn, Cassar Doreen, Cassar Ivan, Cassar Pauline, Cauchi Carmelo, Cauchi Josephine, Ciantar Jane Anne & George, Cini Carmen, Clifton Mr. & Mrs., Cocks Leonard, Cremona Jessica, Cremona Marija, Cuschieri Josephine, Darmanin Charmaine, Day Care Centre San Ġwann, Debattista Kitty, Debono Frances, Debono Maria Dolores, Debono Marija & Żarenu, Debono Mark, Deguara Joyce, Demarco Demanuel, Difesa Pawla, Difesa Sylcana, Dimech Mary, Dimech Sandro, Enriquez John Paul, Falzon Familja, Falzon Francis, Falzon Mariella, Falzon Salvina, Fanciulli Rommie, Farrugia Ċettina, Farrugia Claudine, Farrugia Grace, Farrugia Hannah, Farrugia Jason, Farrugia Lucy, Farrugia Margaret, Farrugia Marion,

(ikompli f'paġna 40)




*miġbura minn Edward Depasquale*

**Lulju-Awissu 2007**

**Ewropa:** Benetti James, McDonnell Lucas, Salvatorelli Davide.

**Għawdex:** Attard Fran'esca, Camilleri Melanie,

**Malta:** Abela Chaniselle, Abela Dylan, Abela Gabriel, Abela Sarah, Abela Azzopardi Liza Marie, Agius Jacob, Agius Jean Paul, Agius Keeran, Agius Kelise, Agius Nick, Agius Trinity, Apap Matthias, Aquilina Beppe, Aquilina Joan-Luca, Aquilina Nathan, Aquilina Shanice, Attard Damian, Attard Jade Elena, Attard Miguel, Azzopardi Luca, Azzopardi Michela, Azzopardi Wayne Philip, Baldacchino Katya, Balzan Steve-Philip, Bellizzi Roe Miguel, Betts Carl, Bigeno Oriana Mariah, Bonello Isacc, Bonello Nicole, Bonnici Christian, Borg David, Borg Emma, Borg Ivana, Borg Ivin, Borg James, Borg Joshua, Borg Krizia, Borg Marija, Borg Sebastian Paul, Borg Buontempo Iker Cristiano, Borg Buontempo Shanaya, Borg Xuereb Keith, Borg Xuereb Steve, Bugeja Martina, Bugeja Lucas Maya, Buttigieg Cain, Callus Graziella, Callus Justin, Camilleri Anthea-Marie, Camilleri John Paul, Camilleri Thereżia, Cardona Matthew, Caruana Kaya, Casha Mariah, Cassar Ilona, Cassar Miguel, Catania Matthias, Cesare Charlot, Cesare Cowen, Cesare Damian, Cesare Kieran, Cesare Rodianne, Chetcuti Keira, Cilia Nathan, Cocks Lara, Crompton Gerald, Crompton Nicole, Cuschieri Jordan, Cuschieri Leon, Cuschieri Miguel, Dalli Martina Milania, De' Raffaele Kyle, Debattista Aaron, Debono Andy-John, Debono Anthea, Debono Kyle, Debono Laura, Debono Xanthe, Degiorgio Ditmar, Degiorgio Riona, Delia Gabriel, Delia Mikael, Delia Rachelle, Dimech Lara, Dimech Luca, Ellul Ema, Farrugia Isaac, Farrugia Kelsey, Farrugia Valentina, Farrugia Yasmine, Farrugia Ylenia, Frendo Ylenia, Gafa' Leon, Gafa' Maya, Galea Gerrard, Galea Jeanette, Galea Joswel-Mandon, Galea Liam, Gauci Daniel, Grech Amy-Marie, Grech Brandon, Grech Denzil, Grech Jeremy, Grima Elusia, Grimer Kane, Laferla Ariana, Laus Shayzen, Licari Enaia, Mallia Marlene, Mangion Angelica, McCarthy Michaila, McCarthy Miguel, Meilaq Celine Meilaq Kelsey, Mercieca Ylenia, Micallef Andreas, Micallef Javier, Micallef Kimberly, Mifsud Katoushka, Montebello Mikea, Montebello Nicole, Muscat Francesca, Muscat Kaylee, Muscat Luca, Muscat Stefan, Naudi Matteo, Pace Chadon, Pace Zenaida, Parisi Sabrina, Perotti Casagrande Giorgio Antonio, Piccinino Elisa, Portelli Dillon, Portelli Jasmine, Portelli Leeon, Portelli Leron, Psaila Amy, Psaila Andreas, Psaila Jamie, Psaila Karl, Psaila Mariah, Rotin Alexander, Rotin James, Rotin Rebecca, Sacco Nathan, Saliba Ena, Saliba Laura-Marie, Saliba Maria, Sayeba Yasmin, Schembri Omar, Sciberras Emma, Sciberras Jake, Sciberras Julia Maria, Sciberras Keira, Sciberras Zven, Scicluna Milena, Scrri Gove' Hannah, Spiteri Julia, Spiteri Mark Anthony, Spiteri Sarah Jane, Spiteri Sefora, Tanti Francesco, Tanti Lydon, Tanti Nathaniel, Tonna Jamie, Tonna Luke John, Tonna Matthew, Tonna Owen, Vassallo Ryan, Vella Andrea, Vella Elisa, Vella Francesca, Vella Ileana, Vella Orianda, Vella Sara, Wadge Valentine, Zahra Gabriel, Zammit Axel, Zammit Casey, Zammit Jorin, Zerafa Katja.

---

(ikompli minn paġna 39)

## *Grazzi Madonna għax smajtni!*

Farrugia Mary, Farrugia Pauline, Farrugia Richard, Farrugia Rita, Farrugia Tereża, Fava Josianne, Felice Sapienza, Fenech Annie, Fenech Carmen, Fenech Lourdes, Fenech Margaret, Fenech Nazzareno, Francica Lina, Frendo Familja, Gafa Rita, Gagliano Thereza, Galea Familja, Galea Inno'enza, Galea Joseph, Galea Paul, Gatt Ċensina, Gauci Tania, Gerada Giovanna, Gerada Michelle, Gerard Michelle, Giuliano Emilia, Goodman Graziella, Gove' Alfred, Grech Agnes, Grech Antoinette, Grech Assunta, Grech Chantelle, Grech Clint, Grech Franz, Grech Gaetanu, Grech John, Grech Mary, GrimaCarmel, Grima Francesca, Grima Jennifer, Hamsworth Josephine, Laudi Mary, LynchMary Grace, Mager Marie, Magro Josephine, Magro Manwela, Magro Pauline, Maione Dorianne, Mallia Anthony, Mallia Claire, Mallia Michelle, Mangion Carmen, Mangion Doris, Mangion Edward, Mangion Joseph, Meilaq Maryanne, Mercieca Ġużl, Mercieca Karmena, Mercieca Mary, Micallef Annie,. Micallef Cettina, Micallef Denis, Micallef Joanna, Micallef Margaret, Micallef Nina, Micallef Rose, Mifsud Alan, Mifsud Anthony, Mifsud Grace, Mifsud John, Mifsud Kirsten, Mifsud Ritianne, Mifsud Sharlon, Mintoff Marthese, Mizzi Luċija, Mizzi Pawla, Mizzi Veronica, Mula Lorna, Muscat Adrian, Muscat Edward, Muscat Phyllis, Muscat Yana, Naudi Mary, Pace Audrey Clarence, Pace Frances, Parnis Catherine, Parroċċa Santa Marija (B'Kara), Pisani Antoinette, Piscopo Alfred, Polidano Michael, Portelli Anna, Portelli Doreen, Portelli Jimmy, Portelli Louis, Psaila Marija, Rizzo Marion, Ronagro Mary, Rotin Marija, Said Doris, Saliba Agnes, Saliba Derek, Sammut Annie,.Sammut Jane, Sammut Joselyn, Sammut Marija, Sammut Marlene, Sammut Monica, Sant Rita, Schembri Ġuża, Schembri Agnes, Schembri Anthony, Schembri Familja, Schembri Vincent, Sciberras Marija,Scicluna Felicia, Scicluna Marylene, Scicluna Sapienza, Sinieana Doreen, Spiteri Ġemma, Spiteri Doreen, Spiteri Familja, Spiteri Joseph, Spiteri Joyce, Sultana Jane, Sultana Lucija, Tabone Ġorġina, Tabone Michelina, Triccas Antonio, Vasallo Alice, Vasallo Joanna, Vasallo Lilian, Vasallo Miriam, Vella Doris, Vella Joseph, Vella Josephine, Vella Lydia, Vella Paul, Vella Robert, Vella Salvina, Webb Josephine, White Preston, Xerri Mary, Xerri Rita, Xuereb Thereża, Zahra Carmen, Zahra Charles, Zahra Lino, Zammit Familja, Zammit Gaetano, Zammit Jane, Zammit Jeanette, Zammit Katya, Zammit Mary, Zammit Samuel, Zammit Simone, Zammit Vanessa, Zammit Vivianne, Zarb Carey, Pauline.




# Ġedded l-Abbonament għas-sena 2008

*fir-rivista*
*Madonna Ta' Pinu*

*Ġabra mill-isbaħ ta' Tagħlim dwar il-Verġni Marija*

## *F'din is-sena speċjali ssib*

- *Artikli u Tagħlim dwar il-Madonna Ta' Pinu*
- *L-Attivitajiet kollha li jsiru fis-Santwarju Ta' Pinu*
- *Aktar paġni bil-kulur*
- *Stejjer għat-tfal*

Abbonament għal Malta:
**Lm2.58 •6.00**

Abbonament għall-Ewropa:
**Lm6.01 •14.00**

Abbonament għal barra minn l-Ewropa: **Lm7.30 •17.00**

Abbonament Sostenitur:
**Offerta Libera**




**Ibgħat l-abbonament tiegħek flimkien mal-ħlas lir-**
*Rivista Madonna Ta' Pinu,* Ċentru Kulturali Marjan, Ta' Pinu, Għarb
*Gozo GRB 1704, MALTA*



# Ejja... Fi ħdan Marija ssib lil Ġesu`

**125 Sena mis-Sejħa tal-Madonna ta' Pinu ♦ 1883 ♦ 22 ta' Ġunju ♦ 2008**

*"Għeżież tiegħi, fil-bidu ta' din il-mixja ġdida tal-Knisja jien nappellalkom biex tiftħu qabkom. Ħallu l-qawwa tal-kelma ta' Alla li tasal fi qlubkom permezz tas-smiegħ tal-kelma.*

*Il-lejla qegħdin ninawguraw pellegrinaġġ marbut ma' dan il-post qaddis u ma' dan is-Santwarju għaliex mija u ħamsa u għoxrin sena ilu l-Verġni Imbierka għamlitilna stedina: 'Ejja...Ejja' f'dan il-post ħalli titgħaxxaq bil-vuċi ta' Kristu. Ejja għand Marija u Marija tagħtik lil Kristu, kif huwa magħżul il-motto għal din is-sena. Jien nixtieq ħafna li din iċ-ċelebrazzjoni ma tkunx waħda storika li tfakkar ġrajja ta' l-imgħoddi imma nixtieq li nagħmluha ġrajja ħajja u nerġgħu niskorpru mill-ġdid min hija Marija li mhux biss tilqa' l-kelma imma tagħtiha lill-oħrajn. Marija hija dik li tilqa' l-ħajja biex imbagħad tkun omm il-ħajjin.*

*Jien nixtieq li dan is-Santwarju jkun 'Oasi' ta' spiritwalita`, ta' spiritwalita Marjan. Nixtieq li niffrekwentawh iżjed biex insibu dak il-kenn li toffrilna Marija meta tressaqna għand Binha Ġesu`.*

*Ejjew kull nhar ta' Erbgħa, f'nofs il-ġimgħa, nieqfu ftit mir-rittmu tal-ħajja, niġu f'dan is-santwarju biex insibu l-mistrieħ tagħna fi ħdan Marija. Iva fi ħdan Marija nsibu lil Ġesu`, il-paċi tagħna u tal-familji tagħna."*

**Silta mill-omelija ta' Mons. Isqof Mario Grech, fl-okkażjoni tal-Ftuħ taċ-Ċelebrazzjonijiet li jfakkru l-125 mis-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu - 1 ta' Diċembru 2007**

NEWSPAPER POST